

Brussell, 17 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11771/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0550 (COD)**

---

---

CULT 87	SAN 473
AUDIO 67	IND 286
FREMP 211	COMPET 761
CODEC 1050	PROCIV 103
CADREFIN 113	HYBRID 97
FIN 901	DISINFO 67
IA 93	JAI 1102
JEUN 202	SERVICES 33
EDUC 331	POLGEN 96
CULT HERIT 9	MI 559
SOC 535	RELEX 1031
GENDER 165	INF 118
DIGIT 149	COPEN 225
DATAPROTECT 162	JUSTCIV 136
ANTIDISCRIM 75	DROIPEN 89

**PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 550 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 550 final.

Mehmuż: COM(2025) 550 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025  
COM(2025) 550 final

2025/0550 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jstabilixxi l-programm “AgoraEU” għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-  
Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818**

{SEC(2025) 547 final} - {SWD(2025) 550 final} - {SWD(2025) 551 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-UE hija komunità ta' valuri. Valuri minquxin fl-istorja u fl-identità tal-Ewropa, u ankrati fit-Trattat tal-UE. Kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), dawn huma valuri komuni għall-Istati Membri kollha, u jinkludu d-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt, u l-pluraliżmu, bid-diversità kulturali, il-libertà tal-espressjoni, inkluż il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja u artistiċi, li huma minquxin ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, it-trasparenza u l-kontabbiltà fit-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt ilkoll jikkontribwixxu għall-vitalità tad-demokrazija Ewropea. Il-midja taqdi rwol kruċjali fit-tiswir tal-opinjoni pubblika u fid-dibattitu ħieles. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u li jifhmu lil xulxin. Lil hinn mill-valur intrinsiku u l-impatt soċjali tagħhom, dawn huma muturi b'saħħithom għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u għall-kompetittività, l-innovazzjoni u l-impjiegi, u s-setgħa tal-persważjoni, li jagħmluhom essenzjali għall-futur tal-Ewropa.

L-importanza ta' intervent finanzjarju tal-UE f'dawn l-oqsma hija minħabba l-abbiltà tagħhom li jrawmu governanza inklużiva u parteċipattiva, jiffaċilitaw ċittadinanza infurmata u attiva, iħarsu u jippromwovu d-drittijiet fundamentali, jippromwovu l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u jiċċelebraw id-diversità kulturali u t-tipi kollha ta' espressjonijiet artistiċi. Is-setturi kreattivi u tal-midja b'saħħithom tal-Ewropa, l-industrija awdjoviżiva tagħna u r-rikkezza tal-kulturi u l-patrimonju tagħna huma importanti għall-identità tagħna. Madankollu, dawn l-oqsma ta' politika jsibu sfidi serji li jeħtieġu rispons ħolistiku tal-Unjoni.

Il-valuri tal-Unjoni qed ikollhom pressjonijiet interni u esterni, fosthom sfidi għall-istat tad-dritt, inugwaljanzi, diskriminazzjoni, ksur tad-drittijiet fundamentali, tnaqqis tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi, u tnawwir tal-fiduċja fil-proċessi demokratiċi. Għad hemm bosta inugwaljanzi strutturali u għadhom jippersistu l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, ħafna drabi espressi bir-razziżmu u b'forom oħra ta' intolleranza. Fil-frattemp, ir-rwol tradizzjonali tal-għaqdiet indipendenti tas-soċjetà ċivili li jibbilanċjaw dawn ix-xejriet qed ikollu jitħabat ma' tnaqqis fl-appoġġ finanzjarju u politiku.

L-industrija tal-midja Ewropej huma xempju ta' kwalità u kreattività, iżda llum qed ikollhom jikkompetu ma' pjattaformi online dinjin għall-attenzjoni taċ-ċittadini u l-konsumaturi. Iċ-ċirkolazzjoni tal-kontenut awdjoviżiv tal-UE għadha frammentata fuq linji nazzjonali, u atturi minn barra l-UE qed jiddominaw ħafna mill-abbonamenti tal-box office u tal-istreaming. Filwaqt li l-industrija tal-videogames firxet bażi soda fil-kultura diġitali kontemporanja (aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-UE tilgħab il-videogames regolament), is-suq tal-videogames tal-Unjoni għadu ddominat ħafna minn kompetituri dinjin. Fl-aħħar nett, l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni tinsab f'riskju minħabba t-tixrid tad-diżinformazzjoni u t-tkabbir tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni barranija u l-interferenza minn atturi ostili, bħar-Russja. It-theddid kontra l-pluraliżmu tal-midja jkompli jaggrava b'fenomeni bħall-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-midja. Fl-istess waqt, il-midja tal-aħbarijiet qed iġġarrab tnaqqis fid-dħul mir-reklamar u fil-bejgħ, għax il-kompetituri diġitali qed jaħtfu sehem dejjem akbar tad-dħul u sawru d-drawwiet tal-konsum. Minħabba dawn il-fatturi kollha, il-vijabbiltà tal-midja tinsab taħt pressjoni.

Il-kultura u s-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi fl-Unjoni huma frammentati wkoll fuq linji nazzjonali u lingwistiċi, frott id-diversità rikka tagħna. Dan jillimita l-kollaborazzjoni artistika tranżnazzjonali, l-ilħuq tal-udjenzi, l-iżvilupp ta' prattiki innovattivi, kif ukoll ir-reżiljenza u l-potenzjal tas-setturi għall-kompetittività, u t-tisħiħ tal-benesseri tas-soċjetà. Il-professjonisti tas-setturi kulturali u kreattivi jsibuha diffiċli biex jaħdmu lil hinn mill-fruntieri tagħhom u biex ikollhom opportunitajiet u jaċċessaw swieq ġodda, u dan ikompli jżid l-iżbilanċi ġeografiċi u jnaqqas iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet kulturali Ewropej. Il-mobbiltà u l-kooperazzjoni transfruntieri limitati qed ixekklu n-networking, l-ekonomiji ta' skala, l-akkumulazzjoni tal-għarfien espert, u l-kokreazzjoni, li lkoll huma kruċjali għas-sostenn tal-karrieri u għal setturi kulturali u kreattivi b'saħħithom. Fil-frattemp, il-wirt kulturali għani tal-Ewropa qed jaffaċċja theddid minħabba taħlita ta' restrizzjonijiet baġitarji, vulnerabbiltà għat-tniġġis, it-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali, kif ukoll miżapproprijazzjoni jew qerda.

Fl-aħħar nett, is-setturi soċjetali, kreattivi, kulturali u tal-midja għandhom dipendenzi teknoloġiċi komuni u għalhekk jistgħu jibbenefikaw minn attivitajiet komuni. Dawn huma affettwati minn dgħufijiet finanzjarji, ostakli fl-aċċess għall-finanzi, diffikultajiet fl-użu u fl-adozzjoni tal-innovazzjoni applikata, nuqqas ta' adattament għal settijiet ġodda ta' ħiliet, u t-trasformazzjoni diġitali. Sadanittant, il-ġganti tat-teknoloġija minn barra l-UE qed jinfluwenzaw dejjem aktar ix-xenarju ċiviku, tal-midja u kulturali, u jsawru l-konsum tal-kontenut b'rakkomandazzjonijiet algoritmiċi, distribuzzjoni awtomatizzata u kontenut iġġenerat bl-IA.

Dawn huma sfidi ta' natura tranżnazzjonali li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv mingħajr soluzzjonijiet, koordinazzjoni, tmexxija u appoġġ konġunti fil-livell tal-UE. L-azzjonijiet tal-UE jistgħu jgħinu biex jippermettu l-kooperazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet, u t-tagħlim reċiproku, kif ukoll biex jottimizzaw u jikkombinaw il-potenzjal ta' dawn is-setturi biex jikkontribwixxu għat-**tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp tas-soċjetà u d-diversità kulturali.**

L-appoġġ tal-UE biex jingħelbu l-isfidi li qed jaffettwaw il-kultura, il-midja, u l-ugwaljanza, iċ-ċittadini, id-drittijiet u l-valuri tal-Unjoni ngħata minn diversi programmi tal-finanzjament tul is-snin. Fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, l-appoġġ għall-kultura, is-setturi kulturali u kreattivi, u l-industriji awdjoviżivi ħadet **ħsiebu Ewropa Kreattiva**, bl-oġġettivi li tħares, tiżviluppa u tippromwovi d-diversità u l-patrimonju kulturali u lingwistiċi Ewropej, u li tikkontribwixxi għall-kompetittività ta' dawn is-setturi, b'mod partikolari tas-settur awdjoviżiv. Fil-frattemp, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-valuri tal-Unjoni kif minqax fit-Trattati, fil-Karta u fil-konvenzjoni internazzjonali applikabbli tad-drittijiet tal-bniedem kienu primarjament is-suġġett tal-programm dwar iċ-**Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV)**. Is-CERV appoġġa l-ħidma ta' bosta għaqdiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż fl-għeruf tas-soċjetà, li huma impenjati favur il-ħarsien u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni. L-appoġġ tal-Unjoni għal xi oqsma, bħall-midja tal-aħbarijiet u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, kien frammentat bi programmi differenti. Il-fergħa tranżettorjali ta' Ewropa Kreattiva kienet tinkludi azzjonijiet speċifiċi dwar il-pluraliżmu tal-midja, il-litteriżmu fil-midja, u l-kollaborazzjonijiet tal-midja, filwaqt li l-fergħa tal-**azzjonijiet ta' Multimedia** għenet fit-tixrid ta' informazzjoni dwar temi tal-UE. Sal-lum, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni qed jiffinanzjaha **Ewropa Diġitali**

Il-proposta tal-QFP 2028-2034 għandha l-għan li tindirizza l-**"kumplessitajiet, id-dgħujfijiet u r-riġiditajiet"** li għandu l-baġit attwali tal-UE, u ttiprovdi qafas aktar iffokat, aktar sempliċi, b'inqas programmi u b'impatt akbar. Għal din ir-raġuni, u biex jiżiedu l-flessibbiltajiet u l-abbiltajiet tal-baġit li jirreaġixxi għar-realtajiet ġodda u l-problemi emerġenti, din il-proposta timmira li tissimplifika l-intervent tal-UE fl-oqsma tal-kultura, il-midja u l-ugwaljanza, iċ-ċittadini, id-drittijiet u l-valuri, filwaqt li tibni fuq ir-rabtiet u s-sinerġiji meta rilevanti,

b'rispett lejn is-singularità u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull wieħed minn dawn l-oqsma ta' politika.

Fil-qasam tal-ugwaljanza, iċ-ċittadini, id-drittijiet u l-valuri, il-proposta se tikkontribwixxi għad-difiża tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza, it-tnaqqis fid-diskriminazzjoni u l-għoti tas-setgħa lis-soċjetà ċivili. Il-programm il-ġdid se jikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju. Barra minn hekk, se jikkontribwixxi biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u l-parteciġazzjoni demokratika.

Il-midja hija mutur tal-valuri demokratiċi, tad-diversità kulturali u tat-tkabbir ekonomiku. Is-settur tal-midja jinkludi fost l-oħrajn ċertu kontenut bħal pereżempju l-films, is-sensiliet, il-videogames, l-aħbarijiet u l-informazzjoni, ir-realtà immersiva u l-multimidja, kif ukoll servizzi bħal pereżempju il-wirjiet teatrali, ix-xandir televiżiv u tar-radju, il-pubblikazzjoni stampata u online, il-videos u l-podcasts online. Biex ikunu soċjalment rilevanti, l-industrija awdjoviżivi u tal-midja jeħtieġ ikunu reżiljenti u kompetittivi. Il-proposta se tappoġġa spazju tal-midja u awdjoviżiv liberu, kompetittiv u varjat. Minn naħa, din se ttejjeb il-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni, l-isfruttament tal-proprjetà intellettuali u l-konsum tax-xogħlijiet awdjoviżivi u forom oħra ta' kontenut tal-midja, bħal-logħob. U min-naħa l-oħra, din se tikkontribwixxi biex jitħarsu l-vijabbiltà u l-pluraliżmu tas-suq tal-informazzjoni, b'mod partikolari billi tappoġġa l-indipendenza tal-midja u tal-kmamar tal-aħbarijiet, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali. Se tikkontribwixxi wkoll biex tindirizza d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin.

Il-kultura u s-setturi kulturali u kreattivi huma assi kbar għall-Ewropa, u fix-xena dinjija jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Permezz tal-arti tal-ispettaklu, il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika u l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snaġġa' u d-disinn artistiċi, fost l-oħrajn, dawn joħlqu tifsiriet b'diversi mezzi u bosta formati. L-intervent tal-UE fil-qasam tal-kultura se jgħin biex jiżdedu l-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteciġazzjoni kulturali u l-aċċessibbiltà transfruntieri għal diversità ta' espressjonijiet kulturali Ewropej u għall-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali. Il-proposta se tgħin ukoll biex jiżdedu ċ-ċirkolazzjoni ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali u l-mobbiltà tal-professjonisti, u se tippromwovi l-inklużività u l-ġustizzja interġenerazzjonali permezz tal-kultura. Fl-aħħar nett, din se ssaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u esterni tas-setturi kulturali u kreattivi.

Finalment, l-UE jeħtieġ tippromwovi sinerġiji fost l-isferi tal-midja, tal-kultura u ċiviċi, billi tlaqqa' flimkien entitajiet pubbliċi u privati u tippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali, u l-innovazzjoni, ħalli tegħleb sfidi komuni u tikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-soċjetà u l-parteciġazzjoni demokratika.

Abbażi ta' dan, l-intervent tal-finanzjament tal-UE se jkun attrezzat bl-aħjar mod biex isaħħaħ u jwessa' l-iskemi eżistenti li rnexxew, biex jindirizza aħjar l-isfidi tranżnazzjonali, u jxejjen il-lakuni li l-Istati Membri impossibbli jindirizzaw waħedhom. Se jipprovdi wkoll koerenza usa' u allinjament aħjar bejn il-politika regolatorja u l-istrumenti tal-finanzjament, kif ukoll bejn il-politiki interni u esterni. Għalhekk, il-proposta se tikkontribwixxi biex jissaħħu s-soċjetajiet, il-midja u l-kultura tal-Ewropa, se trawwem il-valuri tal-Unjoni u l-parteciġazzjoni demokratika, u se tgħin biex jinħataf il-potenzjal kollu tal-Unjoni bħala għajn ta' progress, żvilupp sostenibbli u tkabbir.

L-oqsma ta' politika koperti minn din il-proposta legali huma ankrati sew fit-Trattati tal-UE, li jifirxu l-bażijiet legali għall-azzjoni tal-UE bi programmi tal-finanzjament tal-Unjoni; dawn jikkontribwixxu għall-oġettivi fit-tul tal-Unjoni. Din il-proposta tipprevedi data tal-applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2028.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

*Id-drittijiet fundamentali, il-valuri tal-UE u d-demokrazija*

Il-proposta hija konformi għalkollox mal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**, u mal-oqfsa politiki u leġiżlattivi rilevanti kollha tal-UE fil-qasam tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. Tikkontribwixxi wkoll għall-**istrateġija tal-Unjoni tal-Ugwaljanza**. Ambizzjoni ewlenija tal-Unjoni Ewropea hi li tħaddem approċċ intersettorjali li jinvolvi lil bosta partijiet ikkonċernati biex tiżgura li kull persuna, irrispettivament mill-ġeneru, ir-razza, l-etniċità, id-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, ir-reliġjon jew it-twemmin tagħha tkun tista' tgħix ħielsa mid-diskriminazzjoni u tipparteċipa bis-sħiħ fis-soċjetà.

L-impenn tal-Unjoni Ewropea għall-ugwaljanza hu ankrat f'bosta komunikazzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni ewlenin. L-Istrateġija tal-2020 tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ugwaljanza tal-Persuni LGBTIQ u l-Istrateġija tal-2021 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jenfasizzaw l-impenn tal-UE li tindirizza d-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ugwaljanza fl-aspetti kollha tas-soċjetà. Malli jintemmu fl-2025, dawn iż-żewġ strateġiji se jiġġeddu. Dawn huma komplementati bl-Istrateġija li jmiss tal-UE kontra r-Razziżmu 2026-2030, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-Ugwaljanza, l-Inklużjoni u l-Parteċipazzjoni (2020-2030), l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (2021-2030), u l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija (2021-2030), u l-qasam ta' ħidma dwar il-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana. Anki l-Istrateġija dwar il-Ġustizzja Interġenerazzjonali li jmiss hi rilevanti f'dan il-kuntest.

L-ewwel qafas komprensiv tal-UE dwar id-demokrazija ssawwar bil-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 għad-Demokrazija Ewropea, il-pakkett ta' miżuri tal-2021 li jsaħħu d-demokrazija u jħarsu l-integrità tal-elezzjonijiet, u l-Pakkett tal-2023 dwar id-Difiża tad-Demokrazija b'sinerġija mal-Pjan ta' Azzjoni Esterna dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2027. Fost l-aktar leġiżlazzjoni riċenti f'dan il-kuntest hemm ir-Regolament dwar it-trasparenza tar-reklamar politiku, u l-liġi tal-UE li tipproteġi lill-persuni involuti fil-parteeċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti fil-qorti abbużivi ("il-kawżi strateġiċi kontra l-parteeċipazzjoni pubblika").

It-**Tarka għad-Demokrazija Ewropea** li jmiss hija maħsuba biex tkompli tipproteġi u ssaħħa id-demokrazija u r-reżiljenza demokratika. Għandha l-għan li tindirizza t-theddud dejjem akbar li jaffaċċjaw l-istituzzjonijiet, is-sistemi u l-proċessi demokratiċi fl-UE u li ssaħħa il-fiduċja u l-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini fid-demokrazija. L-**Istrateġija tas-Soċjetà Ċivili tal-UE** li jmiss se jkollha l-għan li tkompli tipproteġi u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili, billi tibgħat sinjal qawwi ta' rikonossiment tal-ħidma li twettaq is-soċjetà ċivili u l-kontribut li tagħti għall-politiki tal-UE.

*Il-midja u l-qasam awdjoviżiv*

Din il-proposta legali tibni wkoll fuq il-qafas tal-midja u awdjoviżiv tal-UE, fejn ir-regolamentazzjoni, il-finanzjament u l-politika jwieżnu lil xulxin b'mod effettiv, u b'hekk jiffaċilitaw id-dibattitu demokratiku, jagħnu l-kultura tagħna, u jixprunaw it-trasformazzjoni diġitali b'atturi tal-midja kompetittivi tal-UE.

Din se tingħaqad ma' bosta politiki tas-suq uniku tal-UE fis-setturi awdjoviżivi u tal-midja, u t-fassil tagħha se jikkomplementa u jsaħħa l-istrumenti leġiżlattivi eżistenti. Id-**Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMSD)** stabbiliet qafas regolatorju komuni għas-servizzi tal-midja awdjoviżiva fl-UE, u tinkludi dispożizzjonijiet bħall-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej u indipendenti, il-protezzjoni tal-minorenni, u r-regolamentazzjoni tar-reklamar awdjoviżiv. Flimkien mal-AVMSD, il-Programm propost se jsaħħa il-kapaċità tal-

atturi awdjoviżivi Ewropej biex jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet li jistgħu jkunu viżibbli biżżejjed fuq il-midja differenti disponibbli u li jkunu attraenti għall-udjenzi f'suq dejjem aktar miftuħ u kompetittiv fl-Ewropa u lil hinn minnha.

**L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Midja (EMFA)** adottat dan l-aħħar jipprovdi salvagwardji għal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, fosthom protezzjonijiet mill-interferenza politika, aktar trasparenza fejn jidħlu s-sidien tal-midja, u obbligi dwar l-indipendenza tal-midja tas-servizz pubbliku. Dan il-Programm propost se jikkomplementa l-EMFA billi jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-kmamar tal-aħbarijiet u jsaħħaħ l-indipendenza editorjali.

Se jibni wkoll fuq il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda online, **il-Pjan ta' Azzjoni tal-2018 kontra d-diżinformazzjoni**, u **il-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni** li dan l-aħħar ġie integrat fil-qafas koregulatorju tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), billi jsaħħaħ il-litteriżmu fil-midja u jżid it-tixrid tal-għarfien sitwazzjonali fl-Istati Membri dwar l-ispazju tal-informazzjoni online.

### *Il-kultura*

Fir-rigward tal-kultura, il-wirt kulturali u s-setturi kulturali u kreattivi, l-inizjattiva se tingħaqad mal-**Boxxla Kulturali għall-Ewropa** li jmiss, bħala approċċ ta' politika strateġika li għandu l-għan jinkorpora l-kultura u s-setturi kulturali u kreattivi (CCS) fl-għanijiet ta' politika ġenerali tal-Unjoni u li jiggwida u jisfrutta d-diversi dimensjonijiet tagħhom.

L-inizjattiva tibni fuq diversi inizjattivi ta' politika ewlenin, fosthom l-**Aġenda Ewropea għall-Kultura**, **il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-Kunsill għall-Kultura**, **l-Istrateġija tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali**, u **l-Qafas Ewropew għal Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali**, li lkoll jappellaw għal irwol aktar b'saħħtu għall-kultura u s-setturi kulturali u kreattivi (CCS) fl-iżvilupp soċjali, ekonomiku u internazzjonali ulterjuri tal-Unjoni tagħna. Din hi allinjata ma' bosta inizjattivi Ewropej, fosthom **il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida**, **l-azzjoni tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura** u **l-azzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew**. Hi allinjata wkoll mad-Dikjarazzjoni ta' Ruma ta' Marzu 2017, fli fiha l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE pprevedew Unjoni "fejn iċ-ċittadini jkollhom opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp kulturali u soċjali u għat-tkabbir ekonomiku [...]; Unjoni li ttipreserva l-wirt kulturali tagħna u ttipromwovi d-diversità kulturali."

Minbarra hekk, din hi konsistenti mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura, li tiddikjara li hu fl-interess komuni tal-Istati Membri kollha li "nużaw il-potenzjal sħiħ tal-edukazzjoni u tal-kultura bħala muturi tal-impjiegi, tal-ġustizzja soċjali, taċ-ċittadinanza attiva kif ukoll bħala mezz biex tiġi esperjenzata l-identità Ewropea fid-diversità kollha tagħha". Fl-aħħar nett, din taqbel ukoll mal-**Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali**, li l-UE u l-Istati Membri huma lkoll Partijiet tagħha.

Fl-aħħar nett, l-inizjattiva għandha titqies fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE li jmiss dwar it-Turiżmu Sostenibbli, maħsuba fost l-oħrajn biex tappoġġa lill-viżitaturi ħalli jiskopru rotot kulturali u siti patrimonjali inqas magħrufin fl-Ewropa, u b'hekk jitravwem l-iżvilupp ekonomiku u jiġu promossi l-impjiegi lokali.

#### • **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-inizjattiva hi allinjata mal-prijoritajiet ta' politika ġenerali tal-Kummissjoni għall-2024-2029, jiġifieri mil-lat ta' (1) Appoġġ għan-nies, tisħiħ tas-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna; 2) Ħarsien tad-demokrazija tagħna u tal-valuri tagħna; 3) Prosperità u kompetittività sostenibbli tal-Ewropa; u (4) Ewropa globali.

## *Konsistenza mal-politiki ta' appoġġ għan-nies, it-tiżiż tas-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna*

Fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2028-2034), se jitravmu sinerġiji bejn l-inizjattivi tal-midja, tal-kultura, tal-ugwaljanza, tad-drittijiet u tal-valuri u l-intervent futur fl-oqsma tal-ħiliet, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, is-solidarjetà, l-ekwità interġenerazzjonali, iż-żgħażaġh u l-koeżjoni soċjali u territorjali. Dawn is-sinerġiji, bħal-litteriżmu fil-midja, il-ħiliet diġitali, l-involvement ċiviku u l-edukazzjoni ċivika, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-inklużjoni permezz tal-kreattività u l-arti se jiġu promossi bi qbil mal-oġettivi tal-Istrateġija Ewropea għaż-Żgħażaġħ u mar-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE. L-inizjattiva tista' tftitex ukoll sinerġiji u komplementarjetajiet ma' interventi futuri b'ġestjoni kondiżiva li jkunu mmirati għat-tiżiż tal-koeżjoni soċjali u territorjali fl-UE.

L-inizjattiva tikkomplementa xi inizjattivi li jippromwovu l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fosthom bil-politiki tal-impjiegi u soċjali, kif ukoll bil-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' aċċess ugwali għad-drittijiet u t-trawwim tad-diversità, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, bħala mezz li jappoġġa l-inklużjoni soċjali u swieq tax-xogħol ġusti, u biex tissokta l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal. Bħala atturi ewlenin fit-tiswir tad-diskors pubbliku u fit-trawwim tal-involvement demokratiku, il-kultura u l-midja huma pedamenti biex nibnu soċjetajiet inklużivi u reżiljenti. Fil-kuntest tal-**Unjoni tal-ħiliet**, l-inizjattiva se tgħin attivament għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-professionisti fl-industriji kulturali u kreattivi (CCIs), filwaqt li tappoġġa l-adattabilità tagħhom fid-dawl tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u fid-dawl tal-bidliet fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, bit-tiżiż tal-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, il-Programm jiffavorixxi l-ħolqien tal-impjiegi f'dawn is-setturi. Fl-istess ħin, l-inizjattiva se ssaħħaħ il-bini tal-kapaċità għall-għaqdiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) li jaħdmu fil-qasam tal-ugwaljanza, tad-drittijiet u tal-valuri.

Fid-dawl tar-riskji dejjem akbar marbutin ma' perikli naturali, emerġenzi tas-saħħa, inċidenti teknoloġiċi, theddid għas-sigurtà li kontinwament jevolvi, u tfixkil ieħor, din l-inizjattiva se ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, u tibni Unjoni aktar reżiljenti, sigura u preparata, skont l-oġettivi tal-**Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza**.

## *Konsistenza mal-politiki tal-ġustizzja*

L-allinjament bejn il-politiki tal-ġustizzja u l-istat tad-dritt jibni qafas sod li jiżgura l-kontabbiltà, jippromwovi l-koerenza legali bejn l-Istati Membri u fi hđanhom, u jħares id-drittijiet fundamentali, u b'hekk isaħħaħ il-fiduċja u l-kooperazzjoni fl-Unjoni. Ir-relazzjoni bejn id-drittijiet fundamentali u l-politiki tal-ġustizzja hi kruċjali biex nibnu soċjetajiet ġusti u ekwi. Id-drittijiet fundamentali – li jvarjaw mid-dritt għal proċess ġust, il-libertà mid-diskriminazzjoni, sal-protezzjoni tal-privatezza – jiddefinixxu l-istandards essenzjali li s-sistemi ġudizzjarji jridu jirrispettaw, u jsarrfu prinċipji astratti f'miżuri u Prattiki legali konkreti. Pereżempju, il-liġijiet kontra d-diskriminazzjoni jsaħħu l-prinċipju tal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi.

Għalhekk, is-sinerġija bejn id-drittijiet fundamentali u l-politiki tal-ġustizzja tiżgura li s-sistemi legali mhux biss jevitaw l-abbużi iżda anki jippromwovu attivament id-dinjità, l-ugwaljanza u l-libertà. Din is-sinerġija hi essenzjali biex tinbena l-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet legali, titrawwem il-koeżjoni soċjali, u fl-aħħar mill-aħħar ikun żgurat li l-ġustizzja tkun aċċessibbli u sinifikattiva għal kulħadd. Għal dan il-għan, fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2028-2034), se jitravmu sinerġiji bejn dan il-Programm u l-programm Ġustizzja tal-ġejjieni.

### *Konsistenza mal-politiki għas-Suq Uniku u l-kompetittività*

Billi tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-midja, tal-qasam awdjoviżiv u tas-setturi kulturali u kreattivi, l-inizjattiva se tikkomplementa l-qafas ta' politika tal-UE dwar il-politika industrijali u l-kompetittività ekonomika. B' mod partikolari, din tibni fuq ir-Rapport tal-2024 dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività, li jħaddem approċċ ibbażat fuq l-ekosistema li jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika ta' setturi industrijali ewlenin, fosthom l-industriji kulturali u kreattivi. Din tirrifletti wkoll l-oġettivi tal-Boxxla għall-Kompetittività li tistabbilixxi parametri referenzjarji ċari ħalli jittejbu l-produttività u r-reżiljenza fit-tul tal-UE u tiġi promossa l-innovazzjoni.

Barra minn hekk, l-inizjattiva hi relatata mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2020 "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali", li għandha l-għan li tisfrutta s-setgħa tal-SMEs tal-Ewropa biex imexxu t-tranżizzjonijiet doppji, abbażi ta' tliet pilastri: il-bini tal-kapaċità u l-appoġġ; it-tnaqqis fil-piż regolatorju u t-titjib tal-aċċess għas-suq; u t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament. L-inizjattiva tikkontribwixxi wkoll għall-Istrateġija l-għdida tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfaddil u l-Investimenti tal-Unjoni, li għandha l-għan li ttejjeb l-oportunitajiet finanzjarji għan-negozji.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma essenzjali biex niżviluppaw sistemi kulturali, kreattivi u tal-midja inklużivi u bbażati fuq id-drittijiet. L-inizjattiva se ssaħħaħ is-sinerġiji mal-Programm Qafas futur għar-riċerka u l-innovazzjoni u mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività futur. Dan tal-aħħar jinkludi appoġġ għal riċerka multidixxiplinari fuq varjetà ta' suġġetti, fosthom id-demokrazija, il-valuri, l-ugwaljanza u d-diżinformazzjoni, iżda anki fuq suġġetti diġitali u industrijali relatati mill-qrib mas-setturi kulturali u kreattivi u mal-wirt kulturali. Is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet jeħtieġ jissaħħu ħalli tissaħħaħ l-ekosistema tar-riċerka Ewropea, biex is-setturi kulturali u kreattivi u s-soċjetà ċivili jgawdu bis-sħiħ mill-avvanzi li jinkisbu bl-oqsma Ewropej tar-riċerka u l-innovazzjoni. Għaldaqstant, il-Programm se jikkontribwixxi għall-adozzjoni tar-riżultati tal-azzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati mill-Programm Qafas għar-Riċerka.

Barra minn hekk, il-proposta tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, bi qbil mal-oġettivi tad-Deċennju Diġitali tal-2030. Din se tikkomplementah billi tappoġġa azzjonijiet li jippromwovu t-tnejn diġitali, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-innovazzjoni applikata fis-setturi tas-soċjetà, tal-kultura u tal-midja, bħal pereżempju l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kontinent tal-IA u l-istrateġija Apply AI. Se takkumpanja wkoll ir-regolamentazzjoni eżistenti, bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar l-IA billi żżid l-aċċess għall-kontenut awdjoviżiv u tal-midja, issaħħaħ il-litteriżmu fil-midja, u ttejjeg il-kompetizzjoni ġusta u l-aċċess newtrali tal-pjattaformi għall-udjenzi. Il-kollaborazzjonijiet u d-disponibbiltà tal-kontenut awdjoviżiv lil hinn mill-fruntieri se jsaħħu wkoll l-interoperabbiltà tal-prodotti diġitali.

### *Konsistenza mal-politiki għal Ewropa globali*

Il-Programm propost, ladarba jiġi adottat, se jikkomplementa l-azzjonijiet iffinanzjati bl-azzjonijiet esterni tal-Unjoni. Pereżempju, billi dan jippromwovi skambji kulturali u jappoġġa l-industriji kreattivi, il-midja u l-kontenut awdjoviżiv tal-Unjoni fil-livell dinji inkluż permezz ta' kollaborazzjonijiet internazzjonali, se jiftaħ swieq ġodda, jattira talent globali u jsaħħaħ l-influwenza u l-attrazzjoni tal-UE fix-xena dinjija. L-intervent futur se jinkludi l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Programm u l-appoġġ għal kollaborazzjonijiet internazzjonali, li jippermettu sinerġiji mal-politiki tal-UE dwar l-azzjoni esterna.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 19(2), 21(2), 24, 167(5), 168(5) u 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), biex l-oġġettivi ġenerali tal-Programm jintlaħqu b' mod komprensiv.

**L-Artikolu 19(2) tat-TFUE** jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' inċentiv li jappoġġaw l-azzjoni tal-Istati Membri favur il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

L-involviment demokratiku, il-parteciġazzjoni ċivika u t-trawwim tas-soċjetà ċivili huma kostitwenti essenzjali tal-kunċett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Dawn huma fatturi u faċilitaturi kruċjali tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fl-Unjoni.

**L-Artikolu 21(2) tat-TFUE** jipprevedi miżuri tal-Unjoni li jgħinu liċ-ċittadini jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri. L-azzjonijiet biex iċ-ċittadini u l-awtoritajiet ikollhom informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vot tagħhom meta jkunu residenti fi Stat Membru ieħor jistgħu jkunu koperti wkoll minn dan l-Artikolu, peress li fil-prattika dawn jiffaċilitaw ukoll l-eżerċizzju tad-dritt ta' ċittadin li jiċċaqtaq u jirrisjedi liberament.

**L-Artikolu 24 tat-TFUE** jobbliga lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw dispożizzjonijiet għall-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizzjattiva taċ-ċittadini skont it-tifsira tal-Artikolu 11 tat-TUE. Dan sar bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Il-Programm jeħtieġ jappoġġa l-finanzjament tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament, u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizzjattivi taċ-ċittadini Ewropej. Flimkien mal-bqija tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 24 tat-TFUE, dak id-dritt jiżgura l-parteciġazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.

**L-Artikolu 167(5) tat-TFUE** jinkariga lill-Unjoni biex tadotta miżuri ta' inċentiv biex tikkontribwixxi għall-mużajk tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u tressaq 'il quddiem il-wirt kulturali komuni. L-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u jissupplimentaw l-azzjonijiet tagħhom f'oqsma bħal pereżempju t-tisħiħ tal-għarfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej u l-konservazzjoni u l-ħarsien tal-patrimonju kulturali b'sinifikat Ewropew.

**L-Artikolu 168(5) tat-TFUE** jipprovdi bażi legali għall-adozzjoni ta' miżuri ta' inċentiv imfassla biex jiproteġu u jtejbu s-saħħa tal-bniedem. Il-vjolenza, inkluż dik fuq it-tfal u n-nisa, hija periklu għas-saħħa fiżika u mentali. It-tfal huma ċittadini vulnerabbli u jeħtieġu aktar protezzjoni minn dawn il-perikli, li ħafna drabi jkunu jinkludu theddid transfruntier. Il-vjolenza fuq in-nisa tikkostitwixxi wkoll theddida serja għas-saħħa fiżika u mentali tal-vittmi, li jkollhom bżonn livell għoli ta' protezzjoni.

**L-Artikolu 173(3) tat-TFUE** jiddikjara li l-Unjoni tista' tiddeċiedi fuq miżuri speċifiċi biex tappoġġa l-azzjoni li jieħdu l-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni, inkluż li jieħdu azzjoni biex jitħeġġeġ ambjent favorevoli għall-inizzjattivi u għall-iżvilupp tal-imprezi.

<sup>1</sup> ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55-81.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-kultura, tal-midja u tal-valuri tal-Unjoni jeħtieġu kooperazzjoni tranżnazzjonali u sforzi kkoordinati li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Dawn huma oqsma li l-kumplessità tal-isfidi tagħmilha diffiċli għall-Istati Membri biex jindirizzawhom biżżejjed waħedhom. B'azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE, ikunu jistgħu jsiru risponsi aktar koerenti u b'impatt akbar biex jiġu indirizzati ċerti sfidi tranżnazzjonali u komuni li jnaqqsu r-ritmu tal-progress, u jkun jista' jitħalla impatt sistemiku billi jinstabu u jissewewew ċerti lakuni strutturali li ma jingħatawx prijorità mill-Istati Membri. Il-baġit tal-UE għandu rwol ewlieni biex ikunu jistgħu jsiru dawn ir-risponsi kollettivi. Approċċ bħal dan jiżgura wkoll koerenza akbar bejn il-politiki interni u l-promozzjoni mill-Unjoni tal-valuri tagħha u l-istandards internazzjonali fil-livell dinji.

Minħabba l-iskala u l-effetti tal-programm propost, azzjoni fil-livell tal-Unjoni tikseb valur miżjud għax dawn l-oġettivi ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom. Ngħidu aħna, dan isahha is-sens ta' ċittadinanza tal-UE u li nifhmu lil xulxin billi jiffaċilita attivitajiet transfruntieri li jrawmu l-involvement ċiviku, is-solidarjetà, u parteċipazzjoni usa' fil-kultura u l-midja. Jiżgura wkoll standards konsistenti u għoljin fl-UE u applikazzjoni effettiva tad-drittijiet minquxa fil-liġi tal-UE fl-Istati Membri kollha, li hi tant essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE. Barra minn hekk, azzjoni tal-UE ssaħħa is-Suq Uniku billi tippromwovi aċċess ġust u l-mobbiltà, filwaqt li tippermetti implimentazzjoni aktar effiċjenti b'oqfsa kkoordinati u bi proġetti konġunti fuq skala akbar. Billi tindirizza l-frammentazzjoni, tippromwovi l-kollaborazzjoni madwar l-Istati Membri u tiġbor flimkien ir-riżorsi fil-livell tal-UE, l-inizjattiva tiżgura li l-industriji kreattivi, il-kumpaniji awdjoviżivi u tal-midja u l-kreaturi jkun jistgħu jgawdu bis-sħiħ mis-Suq Uniku. Din ittejjeb l-aċċess għal kontenut kulturali u kreattiv varjat, tappoġġa l-pluraliżmu tal-midja u żżid il-kompetittività tal-industrija awdjoviżiva Ewropea.

Il-valur miżjud tal-finanzjament tal-UE f'dawn l-oqsma ta' politika enfasizzawh il-bieċa l-kbira tar-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika miftuħa li għamlet il-Kummissjoni b'rabta mal-programmi l-ġodda tal-UE (ara hawn taħt).

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi tillimita ruħha għall-minimu mitlub biex jintlaħqu l-oġettivi dikjarati fil-livell tal-UE u dak li hu meħtieġ għal dak l-iskop.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Programm il-ġdid "AgoraEU" jibni primarjament fuq il-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027), il-Programm CERV dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (2021-2027) u l-linji prerogattivi eżistenti, li jlaqqgħu flimkien bosta appoġġ finanzjarju tal-UE ħalli jsostnu l-kultura, il-midja u l-valuri tal-Unjoni. L-istrument il-ġdid iqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-setturi differenti, il-gruppi fil-mira differenti tagħhom, u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom, filwaqt li jiżgura sinerġiji u komplementarjetajiet.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-Kummissjoni qieset ir-riżultati tal-evalwazzjoni finali tal-programm Ewropa Kreattiva 2014-2020 u tal-evalwazzjoni finali interim tal-programm Ewropa Kreattiva 2021-2027, kif ukoll tal-evalwazzjoni interim tal-programm CERV u tal-evalwazzjonijiet finali tal-programm

L-Ewropa għaċ-Ċittadini u tal-programmi Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadini, li saru tul il-perjodu 2023-2025.

Dawn l-evalwazzjonijiet ivvalutaw il-prestazzjoni tal-programmi, skont l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, is-sostenibbiltà u l-valur miżjud tal-UE tagħhom.

Ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet juru li l-programmi eżistenti fil-biċċa l-kbira laħqu l-oġġettivi ta' politika tagħhom u kisbu valur miżjud tal-UE, filwaqt li ħarġu fid-dieher oqsma li jeħtieġu titjib mil-lat ta' tfassil.

L-evalwazzjoni ta' **Ewropa Kreattiva** tenfasizza l-kontribut tal-Programm għall-oġġettiv ġenerali li jkunu appoġġati d-diversità kulturali u lingwistika u l-wirt kulturali billi jiżjed l-aċċess tan-nies għal varjetà ta' kontenut li jiġi b'mod partikolari minn barra l-fruntieri nazzjonali, u għall-oġġettiv tal-kompetittività billi jgħin lill-operaturi awdjoviżivi u lil operaturi kreattivi u kulturali oħrajn itejbu l-ħiliet tagħhom u jespandu fil-livell Ewropew. Għandu pożizzjoni unika bħala l-uniku sors ta' finanzjament għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali, l-iskambju tal-prattiki tajba, iċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà f'dawn is-setturi.

L-evalwazzjoni interim tal-**programm CERV** ikkonfermat li l-programm jikkupa spazju li inkella jibqa' fil-biċċa l-kbira vojt fix-xenarju tal-finanzjament tal-valuri u tad-drittijiet fundamentali, bħala l-istrument tal-UE maħsub għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Ewropa. L-evalwazzjoni ħarġet fid-dieher ukoll ir-rwol ewlieni tal-programm fl-appoġġ għall-għaqdiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq id-drittijiet u l-valuri, inkluż dawk fl-għerquq tas-soċjetà, li ħafna drabi ma jkollhomx sorsi oħra ta' finanzjament u forom ta' appoġġ.

L-evalwazzjoni tal-**linja tal-azzjonijiet ta' Multimedia** (2021-2023) tikkonferma li din kienet effettiva fit-tisħiħ tar-rappurtaġġi tal-aħbarijiet fuq materji tal-UE minn perspettiva Ewropea. L-azzjonijiet appoġġaw il-produzzjoni ta' volum qawwi ta' kontenut oriġinali, u laħqu firxa notevoli tal-udjenza.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Konsultazzjoni pubblika serviet ta' taġġir għall-valutazzjoni tal-impatt tal-programmi tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni transfruntiera, iż-żgħażaġħ, il-kultura, il-midja, il-valuri u s-soċjetà ċivili skont il-QFP ta' wara l-2027. Din saret bejn it-12 ta' Frar u s-7 ta' Mejju 2025. B'kollox, il-konsultazzjoni rċeviet 5,845 tweġiba valida.

It-tweġibiet urew affermazzjoni ċara tar-rwol kontinwu tal-UE fit-trawwim tal-kooperazzjoni transfruntiera u fl-appoġġ għall-kultura, il-midja, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali. Pereżempju, il-proporzjon tar-rispondenti li jqisuha "importanti ħafna" jew "importanti" li "jipproteġu d-demokrazija u l-istandards demokratiċi" kien ta' 91%, li "jippromwovu r-rispett tad-drittijiet fundamentali (inkluż id-drittijiet tat-tfal u tan-nisa)" kien ta' 88%, li "jippromwovu l-indipendenza tal-midja u l-pluraliżmu tal-midja, u jiġġieldu d-diżinformazzjoni" kien ta' 85%, u li "jippromwovu d-diversità kulturali u kreattiva" kien ta' 78%.

It-tweġibiet tal-konsultazzjoni pubblika kkonfermaw ukoll li l-finanzjament tal-UE pprova ċertu valur miżjud meta mqabbel mal-finanzjamenti fil-livell nazzjonali, lokali jew reġjonali fl-oqsma koperti. Pereżempju, 66% tar-rispondenti jidhrilhom li "il-protezzjoni tad-demokrazija u l-promozzjoni tal-istandards demokratiċi" huma qasam li l-finanzjament tal-UE jipprovdi valur miżjud sinifikanti. Kważi żewġ terzi tar-rispondenti semmew l-appoġġ għas-setturi awdjoviżivi u tal-midja bħala oġġettiv ta' politika "importanti". Fl-aħħar nett, madwar 80% tar-rispondenti jaraw valur miżjud fil-finanzjament tal-UE allokati għall-"promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika" u għall-"promozzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali

u t-tifkira Ewropea”, u 74% fil-finanzjament tal-UE allokati għall-“iżgurar ta’ aċċess mifruq għall-kultura u l-wirt kulturali”.

Meta ntalbu jevalwaw l-ostakli li jxekklu l-baġit tal-UE milli jilħaq għalkollox l-oġettivi tiegħu fl-oqsma ta’ politika, ir-rispondenti laqgħu b’mod ġenerali l-fokus tal-Kummissjoni fuq effiċjenza akbar fil-finanzjament, iżda mhux għad-detriment tal-“identità” u l-“fiduċja”, u li titħares iċ-ċarezza tematika u s-sjieda tal-partijiet ikkonċernati.

Ir-risultati kwantitattivi juru li l-aktar ostakli msemmija ta’ spiss fost il-gruppi kollha kienu l-piż amministrattiv (semmewh 51% taċ-ċittadini u 56% tal-organizzazzjonijiet) u regoli kumplessi tal-konformità speċifiċi għall-fondi (49% taċ-ċittadini u 52% tal-organizzazzjonijiet). Dawn il-kwistjonijiet jixhdu tħassib mhux biss fuq il-kumplessità regolatorja iżda anki fuq il-frammentazzjoni bejn l-istrumenti u l-ineffiċjenzi fl-implimentazzjoni. Fost ostakli oħrajn hemm in-nuqqas ta’ flessibilità fir-riallokazzjoni tar-riżorsi skont ħtiġijiet emerġenti (45% taċ-ċittadini u 50% tal-organizzazzjonijiet), id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-programm u fl-iżborż tal-finanzjament, u n-nuqqas ta’ komunikazzjoni jew ċarezza biżżejjed fuq l-opportunitajiet tal-finanzjament. L-awtoritajiet pubbliċi u l-NGOs b’mod partikolari enfasizzaw id-dewmien bħala mod kif jiddgħajjef l-impatt u titnaqqas il-kredibilità lokali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta ssejset fuq tagħrif minn rapporti u valutazzjonijiet esterni.

Il-proposta ssejset fuq tagħrif minn ħemel ta’ studji u rapporti, inkluż tal-Parlament Ewropew, tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali u tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, li jindikaw l-isfidi serji dejjem akbar li jġarrbu d-drittijiet fundamentali u l-valuri fl-UE kif ukoll ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna<sup>2</sup>

Fil-qasam awdjoviżiv u tal-midja, din straħet fuq il-konklużjonijiet tal-Prospettiva tal-Industrija Ewropea tal-Midja tal-2023<sup>3</sup>, li pprovdiet għarfien siewi dwar l-isfidi strutturali tal-industrija tal-midja u awdjoviżivi (inkluż il-logħob). Il-kumpaniji tal-midja fl-UE qed ikollhom pressjoni dejjem akbar mill-kompetituri dinjin fejn jidħlu l-attenzjoni tal-utenti u d-dħul. L-infiq tal-konsumaturi u l-konsum tal-midja staġnaw mill-pandemija tal-COVID-19 ’l hawn, u l-pjattaformi diġitali qed jakkumulaw aktar kontenut u jaħtfu aktar dħul mir-reklami mill-midja tradizzjonali. Is-setturi qed jitħabtu wkoll ma’ kostijiet għaljin biex jadottaw ċertu teknoloġija, ma’ investiment privat limitat u ma’ dipendenza qawwija fuq teknoloġiji minn barra l-UE. Minbarra dan, ir-rapport wera li fl-UE, iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tax-xogħlijiet awdjoviżivi hi limitata, u dan qed ixekkel il-potenzjal tal-industrija. Fil-frattemp, il-vijabbiltà tal-kmamar tal-aħbarijiet qed tkun f’riskju dejjem aktar, bi tnaqqis fid-dħul, tnaqqis fl-impjiegi, u fiduċja limitata tal-konsumatur.

Fil-qasam tas-setturi kulturali u kreattivi, il-proposta ssejset fuq tagħrif minn laqgħat tematiċi, sejbiet ta’ studji indipendenti, konklużjonijiet tal-Kunsill<sup>4</sup>, riżoluzzjonijiet tal-Parlament

---

<sup>2</sup> Inkluż l-EP 2021/2103(INI) dwar “L-ispazju jiekien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa”; ir-rapport FRA dwar il-protezzjoni tas-soċjetà ċivili, “Protecting civil society — update 2023”; l-indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-EIGE 2024: Nindirizzaw il-vjolenza fuq in-nisa, nindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri.

<sup>3</sup> It-tieni edizzjoni tal-Prospetti tal-Industrija tal-Midja se tiġi ppubblikata f’Lulju 2025.

<sup>4</sup> B’mod partikolari, il-konklużjoni tal-Kunsill ta’ Mejju 2025 dwar l-appoġġ lill-artisti żgħażagħ u l-professionisti kulturali u kreattivi fil-bidu tal-karrieri tagħhom, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta’ Novembru 2024 dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta’ Mejju 2024 dwar l-għoti tas-setgħa lis-setturi kulturali u kreattivi bi żvilupp tal-udjenzi xprunat mid-data, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta’ Mejju 2023 dwar l-artisti f’riskju u spostati.

Ewropew<sup>5</sup>, l-evalwazzjoni tal-azzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew<sup>6</sup>, u l-ewwel evalwazzjoni interim tal-azzjoni Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin 2020-2033<sup>7</sup>, kif ukoll rakkomandazzjonijiet ta' esperti mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-kultura<sup>8</sup>. Dawn id-diversi sorsi jisħqu r-rilevanza persistenti tal-fergħa Kultura ta' Ewropa Kreattiva filwaqt li jindikaw oqsma ta' titjib, b'mod partikolari b'rabta mat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u ż-żieda fl-IA, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi, kif ukoll il-kuntest internazzjonali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta saritilha valutazzjoni tal-impatt. Is-servizzi tal-Kummissjoni esploraw bosta għażliet ta' politika alternattivi biex jindirizzaw l-isfidi tas-setturi kkonċernati u ddeterminaw liema għażla taqdi aħjar l-oqsma ta' politika u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni. L-għażliet alternattivi differenti kienu reċiprokament esklużivi. Għażla alternattiva minnhom kienet li l-programmi eżistenti ta' Ewropa Kreattiva u CERV jissoktaw bħala programmi awtonomi, u jiddaħħal xi titjib inkrementali. It-tieni għażla alternattiva kienet li jitwāhdu l-programmi maħsuba għall-protezzjoni tal-valuri, il-midja u l-kultura tal-Unjoni. It-tielet għażla alternattiva kienet integrazzjoni sħiħa bi strument uniku tal-politiki koperti minn CERV u Ewropa Kreattiva, ma' dawk koperti minn Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ESC).

Ġew ikkunsidrati wkoll alternattivi oħrajn iżda twarrbu minn kmieni. Waħda minnhom kienet il-waqfien tal-finanzjament tal-UE fl-oqsma koperti bħalissa minn CERV u minn Ewropa Kreattiva, iżda twarrbet minħabba l-importanza tal-problemi li qed jaffettwaw is-setturi kkonċernati, il-prominenza mogħtija lil dawn il-politiki fil-Linji Gwida Poliċi u l-valutazzjoni tar-rilevanza kontinwa u l-valur miżjud tal-intervent tal-finanzjament tal-UE, abbażi tal-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu rispettivi. L-għażla ta' fużjonijiet alternattivi tal-programmi (eż. tal-fergħa Midja ta' Ewropa Kreattiva biss mal-programm CERV) twarrbet mill-bidu, għax ma kinitx tallinja b'mod effettiv mal-prijoritajiet poliċi jew ma kinitx tindirizza kif xieraq l-isfidi tas-setturi kkonċernati.

L-impatti potenzjali ewlenin tat-tliet għażliet magħżula proviżorjament (kontinwità, integrazzjoni sħiħa, u fużjoni bbażata fuq l-oġettivi) ġew analizzati f'diversi dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Meta rilevanti, l-analiżi kopriet ukoll il-kostijiet u l-

---

<sup>5</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 Jannar 2024 dwar id-diversità kulturali u l-kundizzjonijiet għall-awturi fis-suq Ewropew tal-istreaming tal-mużika ([2023/2054\(INI\)](#)), ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 Jannar 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-programm Ewropa Kreattiva 2021-2027 ([2023/2003\(INI\)](#)), ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 Novembru 2023 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas tal-UE għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u tal-ħaddiema fis-setturi kulturali u kreattivi ([2023/2051\(INI\)](#)), ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 Settembru 2023 dwar il-futur tas-settur Ewropew tal-kotba ([2023/2053\(INI\)](#)), ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 Diċembru 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura u l-Istrateġija tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali ([2022/2047\(INI\)](#)), ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 Ottubru 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-artisti u l-irkupru kulturali fl-UE ([2020/2261\(INI\)](#)).

<sup>6</sup> Evalwazzjoni tal-azzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (EHL) għall-perjodu 2018-2024, imwettqa mill-PPMI għall-Kummissjoni Ewropea (Lulju 2025).

<sup>7</sup> L-ewwel Evalwazzjoni Interim tal-Azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2020-2033, immexxja minn Ecorys u minn KEA European Affairs għall-Kummissjoni Ewropea (Lulju 2025).

<sup>8</sup> B'mod partikolari, il-Grupp ta' Ħidma tal-MMK tal-esperti tal-Istati Membri ta' Ġunju 2023 "L-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi" u l-Grupp ta' Ħidma tal-MMK tal-esperti tal-Istati Membri tal-4 ta' Ġunju 2021 "Lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-setturi kulturali u kreattivi".

benefiċċji, l-impatti fuq il-kompetittività u l-SMEs u fuq id-diġitalizzazzjoni, kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDG) tan-Nazzjonijiet Uniti. It-tliet għażliet ta' politika ġew ivvalutati skont l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-proporzjonalità tagħhom, bl-applikazzjoni tal-Evalwazzjoni b'Diversi Kriterji Soċjali (SMCE).

L-evalwazzjoni tal-għażliet u l-impatti tagħhom enfasizzat li integrazzjoni bbażata fuq l-objettivi ta' politika (fużjoni bbażata fuq l-objettivi) toffri potenzjal aħjar meta mqabbla mat-tnejn l-oħra. Din tippermetti koordinazzjoni msaħħa, flessibbiltà mmirata, u użu tal-baġit tal-UE b'impatt akbar – bla ma jintmessu l-fokus tal-politika jew l-aċċessibbiltà. Din tikseb l-aqwa bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u r-rilevanza tal-politika. Hi wkoll kongruenti mas-sejthiet tal-partijiet ikkonċernati li qed jappellaw għal simplifikazzjoni tal-aċċess għall-finanzjament, flessibbiltà fl-allokkazzjoni tar-riżorsi, u l-applikazzjoni ta' regoli komuni. F'konformità mal-Linji Gwida Politiċi, din tħaddem il-prinċipju ta' "il-finanzjament isegwi l-politika", u tlaqqa' flimkien programmi li għandhom l-għan jiproteġu l-kultura, il-midja u l-valuri tal-Unjoni. Se tibni fuq is-suċċess tal-programmi attwali, l-aqwa Prattiki tal-QFP attwali, kif ħareġ fl-evalwazzjonijiet, u tindirizza aħjar l-isfidi tranżnazzjonali u komuni, ixxejjen il-lakuni tal-finanzjament fil-livell tal-Istati Membri, u żżid il-koerenza bejn il-politiki interni u esterni, filwaqt li ssaħħa is-sinerġiji, l-effiċjenza u l-effettività, u tnaqqas id-duplikazzjonijiet. Se tagħti viżibbiltà xierqa lil kull wieħed mill-oqsma ta' politika inklużi fil-programm amalgamat b'rispett sħiħ għad-dispożizzjonijiet orizzontali dettaljati fir-Regolament (UE, Euratom [202X/XXX, ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni. Se żżid ukoll l-azzjoni b'rabta mal-prijoritajiet u s-sinerġiji trażversali li jaffettwaw lis-setturi tas-soċjetà, tal-midja u kulturali u kreattivi (eż. il-ħiliet settorjali, l-aċċess għall-finanzi, l-adozzjoni tal-innovazzjoni, eċċ.).

Abbażi tal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, dan ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju (RSB) għal skrutinju tal-kwalità. L-RSB ta opinjoni tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-impatt nhar it-13 ta' Ġunju 2025. L-RSB għamel għadd ta' kummenti u rakkomandazzjonijiet dwar l-ambitu, id-definizzjoni tal-problemi u l-użu tal-evalwazzjonijiet, il-loġika u l-objettivi tal-intervent, it-tqabbil tal-għażliet u l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, il-governanza, il-koerenza, u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni futuri. Il-valutazzjoni tal-impatt meħmuża ma' din il-proposta legali ġiet rieżaminata skont il-kummenti tal-Bord.

- **Idoneità regulatorja u simplifikazzjoni**

L-inizjattiva se tissimplifika l-ġestjoni, il-governanza u l-implimentazzjoni mill-UE tal-programmi tal-UE biex ittejjeb l-effiċjenza għall-applikanti, għall-benefiċjarji u għall-istituzzjonijiet tal-UE. Il-proċeduri ta' applikazzjoni u rapportar se jiġu ssimplifikati u armonizzati aktar bl-introduzzjoni ta' regoli komuni jew allinjati, li jagħmluha eħfef għall-applikanti biex japplikaw għas-sejthiet li jindirizzaw objettivi ta' politika komplementari.

Biex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, l-użu ta' forom simplifikati tal-finanzjament (inkluż finanzjament mhux marbut mal-kostijiet u somom f'daqqa) se jsir il-forma standard tal-kontribuzzjoni għar-rimborż tal-għotjiet. L-użu ta' appoġġ finanzjarju lill-partijiet terzi, li wera effiċjenti biex jagħmel il-finanzjament tal-UE aktar aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet iż-żgħar, se jissokta wkoll u jista' jiġi estiż meta xieraq. Barra minn hekk, anki ż-żieda fl-użu tal-għotjiet pluriennali se tħalli impatt pożittiv. L-ostakli li sabu l-organizzazzjonijiet fl-għeruf tas-soċjetà u l-applikanti għall-ewwel darba se jiġu indirizzati b'miżuri ta' simplifikazzjoni mmirati biex jindirizzaw iċ-ċirkostanzi tagħhom, b'komunikazzjoni msaħħa, u bil-promozzjoni tal-opportunitajiet tal-finanzjament. Il-ġbir flimkien tar-riżorsi, inkluż f'oqsma bħall-monitoraġġ u l-komunikazzjoni interna u esterna se

jikseb ċerti ekonomiji ta' skala u jtejjeb il-prevedibbiltà tal-finanzjament tal-UE b'mod aktar mifruq fost il-benefiċjarji, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini tal-UE.

- **Drittijiet fundamentali**

Filwaqt li jibni fuq il-programmi preċedenti Ewropa Kreattiva u CERV (Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri) u linji prerogattivi preeżistenti, l-istrument il-ġdid hu maħsub biex jippromwovi l-valuri tal-Unjoni, inkluż ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza, id-demokrazija, kif ukoll il-kultura u l-midja.

Dan hu konformi mal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u jippromwovihom. L-oġġettivi tal-Programm il-ġdid huma marbutin mill-qrib mal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. B'mod partikolari, din il-proposta se tikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-Artikoli 8 (il-protezzjoni tad-data personali), 11 (il-libertà tal-espressjoni, id-drittijiet għall-informazzjoni, il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu), 12 (il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni), 13 (il-libertà tal-arti u x-xjenza), 15 (il-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol), 20 u 21 (l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni), 22 (id-diversità kulturali u lingwistika), 23 (l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel), 24 (id-drittijiet tat-tfal), 26 (id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà), 31 (kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa), 32 (il-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal u l-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq ix-xogħol), 33 (il-ħajja tal-familja u professjonali), 39 sa 46 (id-drittijiet taċ-ċittadini) tal-Karta.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ara l-Anness

#### 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din l-inizjattiva se tiġi mmonitorjata bil-qafas ta' prestazzjoni għall-baġit 2028-2034 definit fir-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], li jagħti dettalji wkoll fuq ir-regoli speċifiċi dwar l-evalwazzjonijiet. L-evalwazzjoni għandha ssir f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u tkun ibbażata fuq indikaturi rilevanti għall-oġġettivi tal-Programm.

Parti mill-Programm se tiġi implimentata minn Aġenzija Eżekuttiva bis-superviżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-Programm.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-oġġettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji tal-midja u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u tal-midja, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà fl-Unjoni.

F'dan l-oġġettiv ġenerali, il-Programm għandu jkollu tliet ferġhat separati:

L-ewwel, il-ferġha "Ewropa Kreattiva — Kultura", li se timplimenta dan l-oġġettiv speċifiku:

- (a) Tikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li ssaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi.

It-tieni, il-fergħa MEDIA+, li se timplimenta dawn l-objettivi speċifiċi:

- (a) Tikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi ttejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini.
- (b) Tikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u tindirizza d-diżinformazzjoni.

It-tielet, il-fergħa CERV+ (id-Demokrazija, iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza u l-Valuri), li se timplimenta dawn l-objettivi speċifiċi:

- (a) Tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u d-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati, fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili.
- (b) Tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza.
- (c) Tikkontribwixxi għat-tiġid tal-parteċipazzjoni demokratika u l-ħarsien tal-istat tad-dritt.

Biex jitħalla l-akbar impatt u jissaħħu s-sinerġiji bejn il-fergħat kollha, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, tal-midja u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali.

Biex ikun effettiv, il-Programm għandu jqis in-natura speċifika tal-politiki differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati.

## Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****li jistabbilixxi l-programm “AgoraEU” għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 19(2), 21(2), 24, 167(5), 168(5) u 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>9</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>10</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f’konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) F’konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f’soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (“valuri tal-Unjoni”). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrapreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu.
- (2) Il-kultura u l-midja u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta’ Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteeċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b’rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u l-midja taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta’ espressjonijiet artistiki, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin.

<sup>9</sup> ĠU C , , p. .

<sup>10</sup> ĠU C , , p. .

- (3) Il-Programm “AgoraEU” (il-“Programm”) se jipprovdi kontribut sinifikanti biex jintlaħqu u jitwettqu dawn l-oġġettivi, id-drittijiet u l-valuri.
- (4) Il-Programm jenħtieġ li jkun is-suċċessur tal-Programm Ewropa Kreattiva stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup> u tal-Programm CERV dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>. Dan jenħtieġ li jissimplifika diversi azzjonijiet tal-finanzjament b’appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u jiġġieled id-diżinformazzjoni b’appoġġ għall-għoti ta’ informazzjoni dwar materji tal-Unjoni. Il-midja ħielsa u pluralistika u s-soċjetà ċivili huma fost l-għassiesa ewlenin tas-sistemi demokratiċi tal-Unjoni, u dawn jaqdu rwol kruċjali għar-reżiljenza demokratika, u għalhekk għandhom jiġu appoġġati. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll is-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja, jisfrutta s-setgħa tal-kultura u d-diversità kulturali, isaħħaħ l-ispazju tal-informazzjoni, u jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni biex isaħħaħ soċjetà bbażata fuq id-drittijiet, inklużiva, ugwali u demokratika. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm “AgoraEU”<sup>13</sup>. Għall-fini ta’ dan ir-Regolament, il-prezzijiet kurrenti qed jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta’ deflatur fiss ta’ 2%.
- (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b’approċċi mmirati.
- (6) F’ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-oġġettivi tal-Programm “AgoraEU”, il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta’ politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni.
- (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snaġġa’ u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma “għid pubbliku” li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-regġuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta’ kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinġiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/818/oj>).

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj>).

<sup>13</sup> Meta rilevanti, l-appoġġ mill-Programm jenħtieġ li jħaffef u jixpruna l-investimenti billi jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta’ investment subottimali, b’mod proporzjonat, u jevita d-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u billi jinċentiva l-finanzjament privat, u għandu jkollu valur miżjud tal-Unjoni.

- (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati.
- (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu.
- (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u jippreservaw ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura.
- (11) Is-setturi tal-midja tal-Ewropa għandhom pożizzjoni unika fid-demokraziji, u fil-kultura u l-ekonomiji tagħna. Dawn jinkludu fost l-oħrajn ċertu kontenut bħal pereżempju l-films, is-sensiliet, il-videogames, l-aħbarijiet u l-informazzjoni, ir-realtà immersiva u l-multimidja, kif ukoll servizzi bħal pereżempju il-wirjiet teatrali, ix-xandir televiżiv u tar-radju, il-pubblikazzjoni stampata u online, ir-reklamar, il-videos u l-podcasts online. It-trasformazzjoni diġitali, b'mod partikolari ż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali, ħaffet il-konverġenza tal-midja, biddlet l-imġiba tal-konsumaturi, fixklet il-mudelli tan-negozju u tad-dħul, u anki l-ġestjoni u l-isfruttament tal-proprjetà intellettuali. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tgħin lill-midja tal-Unjoni tiffjorixxi, trawwem l-innovazzjoni u l-aċċess għall-finanzi, tippromwovi d-dakkir reċiproku bejn is-setturi tal-aħbarijiet, is-setturi awdjoviżivi u setturi oħra tal-midja, u tappoġġa l-kollaborazzjonijiet bejn tipi differenti ta' entitajiet tal-midja fl-Unjoni.
- (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettuali bejn formati differenti tal-midja, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni.
- (13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar tal-aħbarijiet, u jlimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku Ewropew varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda,

tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, billi tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra d-diżinformazzjoni u tappoġġa l-litteriżmu diġitali u fil-midja, inkluż fost iż-żgħażaġh.

- (14) Id-demokrazija fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiducia ta' ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.
- (15) Il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jgħinuna nsawru Unjoni aktar demokratika. In-nondiskriminazzjoni hi prinċipju ewlieni tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 19 tat-TFUE u fl-Artikolu 21 tal-Karta. Il-ħidma favur soċjetà ugwali u ħielsa mid-diskriminazzjoni tikkontribwixxi biex jinħataf il-potenzjal tan-nies fid-diversità tagħhom u għat-tkabbir kulturali, ekonomiku u soċjali. Tgħin ukoll biex jingħelbu l-kawżi sottostanti tal-vjolenza kontra l-gruppi vulnerabbli, li min-naħa tagħha hija attakk frontali fuq l-ugwaljanza. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi azzjonijiet li jindirizzaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u intolleranza, jiġifieri d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, b'attenzjoni għall-forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni strutturali u intersezzjonali, biex jiġu appoġġati l-oqfsa ta' politika rilevanti tal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-għieda kontra kull forma ta' żenofobija u raziżmu, antisemitiżmu u mibegħda kontra l-Musulmani, l-omofobija, il-bifobija, it-transfobija, l-interfobija, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru, l-intolleranza lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi inkluż ir-Rom, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà adottata fit-13 ta' Diċembru 2006<sup>14</sup> biex tippromwovi, tħares u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha.
- (16) Id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, minqux rispettivament fl-Artikolu 7 tal-Karta u fl-Artikolu 16 tat-TFUE u fl-Artikolu 8 tal-Karta, huma infurzati b'Regolament<sup>15</sup> u Direttiva<sup>16</sup> apposta. Il-qafas legali tal-Unjoni jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jiżguraw li d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali jitħares b'mod effettiv. Dawn l-istrumenti legali jafdaw il-kompiti f'idejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-data biex jippromovu għarfien pubbliku u fehim dwar ir-riskji, ir-regoli, is-salvagwardji u id-drittijiet fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali. Minħabba l-importanza tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali fi żminijiet ta' żviluppi teknoloġiċi rapidi, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tixrid tal-għarfien, it-twettiq ta' studji u attivitajiet rilevanti oħra f'dan il-qasam, inkluż permezz tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-data.
- (17) L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hi dritt fundamentali u objettiv tal-Unjoni u l-Programm jenħtieġ li jappoġġaha. Minkejja haħna kisbiet, għad fadal bosta sfidi sinifikanti li jeħtieġu tisħiħ tal-impenn tal-Unjoni. Dan jinkludi l-ħidma favur il-ħelsien mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-ogħla standards tas-saħħa, inkluż b'mod partikolari s-

<sup>14</sup> ĠU L 23, 27.01.2010, p. 35-36.

<sup>15</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88.

<sup>16</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89-131.

saħħa sesswali u riproduttiva, il-paga ugwali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-kura, impjiegi ugwali, l-opportunitajiet tal-karriera u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, il-parteċipazzjoni politika u r-rappreżentanza ugwali, il-mekkaniżmi istituzzjonali li jikkontribwixxu għad-drittijiet tan-nisa, l-indirizzar attiv tal-istereotipi tal-ġeneru u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni intersezzjonali.

- (18) Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza fuq in-nisa, it-tfal, iż-żgħażaġh u gruppi oħra f'riskju bħall-persuni LGBTIQ u l-persuni b'diżabbiltà, jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet fundamentali u qed jibqgħu jippersistu mal-Unjoni kollha, fil-kuntesti soċjali u ekonomiċi kollha. Il-vjolenza kontra n-nisa u l-persuni li jappartjenu għal gruppi oħra f'riskju hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem u attakk frontali fuq l-ugwaljanza. Għalhekk, hu kruċjali għas-soċjetà li nipprevjenu u nindirizzaw din il-vjolenza, għax dan ikun kontribut biex nindirizzaw din id-diskriminazzjoni u l-impatti tal-vjolenza, inkluż fuq is-saħħa. Fl-istess ħin, billi huma marbutin intrinsikament, meta niżguraw soċjetà ħielsa mid-diskriminazzjoni, inkunu qed ngħinu wkoll biex nindirizzaw il-kawżi sottostanti tal-vjolenza kontra l-gruppi vulnerabbli. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jkompli l-isforz dejjem tal-Unjoni fil-prevenzjoni, ir-rispons u l-għieda kontra l-vjolenza fil-livelli kollha, u fil-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi diretti u indiretti kollha u tas-superstiti tal-vjolenza, filwaqt li jibni fuq il-ħames ġenerazzjonijiet konsekuttivi tal-programm u l-fergħa Daphne<sup>17</sup>. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-kisba tal-oġġettivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa adottata f'Istanbul nhar il-11 ta' Mejju 2011, l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal<sup>18</sup>, li tiproteġi lit-tfal minn kull forma ta' vjolenza, kif ukoll jikkontribwixxi biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, li tiproteġi lill-persuni b'diżabbiltà minn kull forma ta' sfruttament, vjolenza u abbuż.
- (19) F'konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar it-trattament ugwali, l-Istati Membri stabbilew korpi indipendenti biex jippromwovu t-trattament ugwali ("korpi tal-ugwaljanza") li jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u biex tkun żgurata applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa n-Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet) magħmul mill-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499<sup>19</sup> u fid-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u

<sup>17</sup> Tliet ġenerazzjonijiet konsekuttivi tal-programm Daphne ([ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1](#); [ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1](#); [ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19-26](#)), u r-riżultati tal-fergħat Daphne tal-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza ([ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62-72](#)) u tal-Programm CERV ([ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1-20](#)).

<sup>18</sup> C(2024) 2680 final ([ĠU L, 2024/1238, 14.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2024/1238/oj>](#)).

<sup>19</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fil-qasam tal-impjiegi u x-xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irgħiel fi kwistjonijiet tas-sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE ([ĠU L, 2024/1499, 29.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1499/oj>](#)).

tal-Kunsill<sup>20</sup>, peress li Equinet hu l-unika entità li tiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejn il-korpi tal-ugwaljanza. Din għandha importanza ewlenija għall-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-Istati Membri.

- (20) Iċ-ċittadini fl-Unjoni kollha, li ħafna minnhom regolarment jew imqar okkażjonalment jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor, jew jgħixu, jistudjaw, jaħdmu jew jagħmlu volontarjat fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li jħossuhom kapaċi jgawdu u jeżerċitaw id-drittijiet taċ-ċittadinanza tagħhom u jpoġġu l-fiduċja tagħhom f'aċċess ugwali, infurzabbiltà sħiħa u protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tagħhom mingħajr diskriminazzjoni, irrispettivament minn fejn jinzertaw fl-Unjoni. Iċ-ċittadini jenħtieġ li jkunu konxji aktar mid-drittijiet tagħhom mogħtija biċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jiġifieri d-dritt tagħhom li jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament fl-Unjoni, id-drittijiet tal-vot tagħhom meta jirrisjedu fi Stat Membru ieħor, id-dritt tagħhom li jippreżentaw petizzjoni lill-Parlament Ewropew b'waħda mil-lingwi uffiċjali, id-dritt tagħhom li jippreżentaw inizjattivi taċ-ċittadini u d-dritt tagħhom li jagħmlu lmenti lill-ombudsman Ewropew kontra amministrazzjoni istituzzjonali ħażina.
- (21) L-inkoraġġiment taċ-ċittadini biex jaqdu rwol aktar attiv fid-demokrazija fil-livell tal-Unjoni se jsaħħaħ is-soċjetà ċivili Ewropea u jrawwem l-iżvilupp tal-identità Ewropea. Għalhekk, is-soċjetà ċivili jeħtieġ li tingħata l-appoġġ biex tippromwovi l-valuri komuni tal-Unjoni, tħarishom u xxerred għarfien dwarhom, u biex tikkontribwixxi għat-tgawdija effettiva tad-drittijiet skont il-liġi tal-Unjoni. Meta ċ-ċittadini tal-Unjoni jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, dawn ikunu qed jikkontribwixxu biex titwettaq id-demokrazija rappreżentattiva, bħala prinċipju li fuqu jinbena l-funzjonament tal-Unjoni u li jagħti espressjoni konkreta lill-valur tad-demokrazija minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE.
- (22) Biex l-Unjoni titqarreb lejn iċ-ċittadini tagħha u biex titrawwem il-parteeċipazzjoni demokratika, hemm bżonn bosta azzjonijiet u sforzi kkoordinati. Iċ-ċittadinanza Ewropea u l-identità Ewropea jenħtieġ li jiġu żviluppati u promossi billi ċ-ċittadini jitħeġġu jifhmu l-proċess tat-tfassil tal-politika, u billi jiġi promoss l-involviment ċiviku fl-azzjonijiet tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' kommemorazzjoni u r-riflessjoni kritika dwar il-memorja storika tal-Ewropa huma meħtieġa biex iċ-ċittadini jifhmu l-istorja komuni, u biex jinfirxu l-pedamenti għal ġejjieni u valuri komuni. Barra minn hekk, l-appoġġ lill-għaqdiet tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali fl-oqsma koperti mill-Programm se jikkontribwixxi biex jiżdied l-involviment taċ-ċittadini fis-soċjetà u fl-aħħar mill-aħħar biex jinvolvihom attivament fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Fl-istess waqt, l-appoġġ lill-attivitajiet li jippromovu l-fehim reċiproku, id-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u lingwistika, l-inklużjoni soċjali u r-rispett lejn ħaddieħor irawwem sens ta' appartenenza għall-Unjoni u ta' ċittadinanza komuni skont identità Ewropea, abbażi ta' komprensjoni komuni tal-valuri Ewropej komuni tagħna, tal-kultura, tal-istorja u tal-wirt tagħna.
- (23) L-għaqdiet tas-soċjetà ċivili, u atturi oħra tal-ispazju ċiviku, bħall-korpi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza u l-Istituzzjonijiet tal-Ombudspersons, jaqdu rwol vitali favur l-implimentazzjoni tal-politika, biex titħeġġeġ

<sup>20</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irgħiel fi kwistjonijiet ta' impjeg u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE (ĠU L, 2024/1500, 29.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1500/oj>).

il-parteċipazzjoni tan-nies, l-istituzzjonijiet jinżammu responsabbli, u titwettaq bidla pożittiva. Il-Programm jenħtieġ li jgħin biex ikunu żgurati riżorsi biżżejjed u ambjent li jippermettilhom joperaw b'mod indipendenti, liberu, sikur u effettiv. Għal dan l-għan, il-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li jikkomplementa l-isforzi fil-livell nazżjonali billi jappoġġa, jipproteġi, jagħti s-setgħa u jibni l-kapaċità tagħhom, kif enfasizzat fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018<sup>21</sup>, kif ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2023<sup>22</sup> u tas-7 ta' Marzu 2025<sup>23</sup>. Is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti wkoll biex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>24</sup> billi trawwem kultura mingħajr mażżri u ambjent favorevoli għall-informaturi.

- (24) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li l-Unjoni hi struttura legali bbażata fuq il-premessa fundamentali li kull Stat Membru jaqşam mal-Istati Membri l-oħra kollha, u tagħraf li dawn ilkoll jaqsmu magħha, il-valuri komuni li hemm fl-Artikolu 2 tat-TUE, li fuqhom hi msejsa l-Unjoni<sup>25</sup>. Dik il-premessa hija bbażata fuq il-karatteristiċi speċifiċi u essenzjali tal-liġi tal-Unjoni, inkluż l-awtonomija li tgawdi fir-rigward tal-liġijiet tal-Istati Membri u tal-liġi internazzjonali. Din il-premessa timplika u tiġġustifika l-eżistenza ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rikonossiment ta' dawn il-valuri u, għalhekk, fl-osservanza tal-liġi tal-Unjoni li timplimentahom. Minn din joħroġ li l-osservanza minn Stat Membru tal-valuri li hemm fl-Artikolu 2 tat-TUE hi kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet kollha li joħroġu mill-applikazzjoni tat-Trattati għal dak l-Istat Membru. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li fl-oqsma li l-Unjoni għandha kompetenza fihom, tista' tiegħu azzjoni biex tiżgura r-rispett għall-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE.
- (25) Fi żmien meta s-soċjetajiet Ewropej qed isibu sfidi li jaffettwaw id-demokraziji, bħaż-żieda fl-estremiżmi u fl-intolleranza, id-diżinformazzjoni, u l-manipulazzjoni u l-interferenza minn atturi ostili barranin, hu kruċjali li l-valuri tal-Unjoni bħar-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u d-demokrazija, ikomplu jiġu kkultivati, protetti, promossi, infurzati, u kondiviżi b'mod attiv fost iċ-ċittadini u l-popli, biex daww il-valuri jibqgħu fil-qalba tal-proġett tal-Unjoni. Tnawwir fil-ħarsien tagħhom fi xi Stat Membru jista' jkollu effetti detrientali fuq l-Unjoni kollha kemm hi. Għalhekk hu kruċjali li dan il-Programm jikkontribwixxi għall-ħarsien tal-valuri tal-Unjoni, inkluż ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u d-demokrazija.
- (26) Fid-dawl tar-riskji dejjem akbar marbutin ma' perikli naturali, diżastri tal-klima u ambjentali, emerġenzi tas-saħħa, inċidenti teknoloġiċi, theddid għas-sigurtà li kontinwament jevolvi, u tfixkil ieħor, jenħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jantiċipaw, iħejju ruħhom u jirrispondu għall-kriżijiet. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-edukazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini fit-tnejjija għall-kriżijiet biex b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà.

<sup>21</sup> 2018/2619(RSP) (ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117-119, [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=oj:JOC\\_2019\\_390\\_R\\_0017](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=oj:JOC_2019_390_R_0017)).

<sup>22</sup> ST-7388/23, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; Ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE.

<sup>23</sup> ST-6878/25, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali.

<sup>24</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj>).

<sup>25</sup> Dan joħroġ direttament mill-Opinjoni 2/13, EU:C:2014:2454, il-paragrafu 168.

- (27) Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll azzjonijiet maħsuba biex jissalvagwardjaw u jsaħħu d-demokrazija fl-Unjoni, iżidu l-fiduċja pubblika fid-demokrazija u fl-istituzzjonijiet demokratiċi, isaħħu t-tnejn demokratika u r-reżiljenza, irawmu l-involvement, il-parteċipazzjoni u l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-istorja u l-valuri komuni, u b'hekk jappoġġaw l-eżerċizzju miċ-ċittadini tad-drittijiet tagħhom, inkluż id-drittijiet elettorali tagħhom, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-trawwim tal-ħsieb kritiku, il-parteċipazzjoni ċivika u d-demokrazija permezz tal-edukazzjoni bħala sforz tul il-ħajja, ħalli ċ-ċittadini kollha jkollhom il-ħiliet biex jaqdbu l-informazzjoni, il-manipulazzjoni u l-interferenza u d-diżinformazzjoni minn barranin.
- (28) Il-Programm jenħtieġ li jrawwem sinerġiji u komplementarjetà ma' Ewropa Globali għax dan jikkontribwixxi għall-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u għall-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz tal-kooperazzjoni kulturali.
- (29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-finanzjament tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup>, u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej. Flimkien mal-bqija tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 24 tat-TFUE, dak id-dritt jiżgura l-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.
- (30) Biex tkun żgurata l-konsistenza, il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji tal-Programm, inkluż meta kkombinati ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Instrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) skont ftehimiet konklużi għal dak it-tip ta' appoġġ mill-Instrument InvestEU tal-FEK.
- (31) Meta l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Programm ikun irid jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, dan l-appoġġ jeħtieġ jingħata esklużivament permezz tal-Instrument InvestEU tal-FEK f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Instrument InvestEU tal-FEK.
- (32) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taqşam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, l-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja l-pagamenti annwali tul l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tqis il-progress tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet tagħhom u l-baġit disponibbli.
- (33) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup> japplika għall-Programm. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, l-implimentazzjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.

<sup>26</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>).

<sup>27</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (34) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95<sup>29</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>30</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939<sup>31</sup>, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>32</sup>. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.
- (35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet.

<sup>28</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj>).

<sup>29</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj>).

<sup>30</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj>).

<sup>31</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>).

<sup>32</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj>).

- (36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol tad-Desks tal-Programm, li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri, li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. Id-Desks tal-Programm jenħtieġ li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi fit-teħid tad-deċizzjonijiet tagħhom, u jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm.<sup>33</sup>
- (37) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764<sup>34</sup>, persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-oġġettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu huwa marbut il-pajjiż jew it-territorju ekstra-Ewropew rilevanti.
- (38) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-oġġettiv speċifiku "Awdjoviżiv" teħtieġ ċertu livell ta' reċiproċità u allinjament regolatorju. Għal din ir-raġuni, meta jkunu qed jiġu konklużi Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjoni tas-swieq awdjoviżivi tagħhom, il-prossimità tal-oqfsa legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar il-midja awdjoviżiva, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/13/UE, u l-aċċess għall-iskemi tal-appoġġ tagħhom. Dan hu importanti b'mod partikolari fejn jidhru pajjiżi Ewropej oħrajn, li x-xogħlijiet awdjoviżivi tagħhom igawdu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE li tippromwovi x-xogħlijiet Ewropej, b'mod partikolari s-sistema tal-kwoti. Fil-każ speċifiku tal-pajjiżi aderenti, tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali, ir-rekwiżit li jallinjaw il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE kien diġà inkluż fir-Regolament (UE) 2021/818 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva. Din il-kundizzjoni kienet inċentiv effiċjenti biex iħaffu l-pass tagħhom fl-allinjament ġenerali mal-acquis tal-UE fid-dawl ta' adegżjoni.
- (39) Billi l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba n-natura tranżnazzjonali tal-isfidi, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

<sup>33</sup> Biex jippromwovi l-Programm fil-livell nazzjonali, jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli fil-politika tal-Unjoni, u jassisti lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ mill-Programm, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-istabbiliment ta' Uffiċċji fil-pajjiżi parteċipanti. L-Uffiċċji jenħtieġ li jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom biex itejbu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà, inkluż b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati bl-implimentazzjoni.

<sup>34</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1764/oj>).

- (40) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm mill-2028 sal-2034, jiġifieri s-suċċessur tal-Programmi stabbiliti mir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 għall-perjodu mill-2021 sal-2027. Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 jenħtieġ li jitħassru,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## **Kapitolu I**

### **Dispożizzjonijiet ġenerali**

#### *Artikolu 1*

##### **Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm “AgoraEU” (il-“Programm”) u jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028-2034, il-forom tal-finanzjament tal-Unjoni, u r-regoli għall-għoti ta’ dan il-finanzjament.

#### *Artikolu 2*

##### **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “proċedura ta’ għoti” tfisser proċedura ta’ għoti, kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kif ukoll il-proċeduri biex jiġu fdati l-implimentazzjoni u l-għoti tal-appoġġ bl-istrumenti finanzjarji, biex tingħata l-garanzija baġitarja, jew biex jingħata appoġġ permezz tal-garanzija baġitarja.

#### *Artikolu 3*

##### **Oġġettivi tal-programm**

- (1) L-oġġettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b’mod partikolari l-industrija tal-midja u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u tal-midja, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b’hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.
- (2) Fl-ambitu tal-oġġettivi ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Programm għandu jkollu l-fergħat li ġejjin, li jimplementaw l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:
- (a) il-fergħa “Ewropa Kreattiva — Kultura” għandha:
- i. tikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibilità transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta’ diversità ta’ xogħlijiet kulturali, filwaqt li ssaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi (“Kultura”).
- (b) il-fergħa MEDIA+ għandha:
- i. tikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività tal-industrija awdjoviżivi u tal-videogames, b’mod partikolari billi ttejjeb il-kreazzjoni u d-

- distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini (“Awdjoviżiv”).
- ii. tikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b’mod partikolari billi tappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u tindirizza d-diżinformazzjoni (“Aħbarijiet”).
- (c) il-fergħa CERV+ (Demokrazija, Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri) għandha:
- i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minqusa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili (“drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili”);
  - ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f’riskju ta’ din il-vjolenza (“Daphne”);
  - iii. tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt (“parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt”).
- (3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-oġettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b’mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, tal-midja u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali.

## **Kapitolu II**

### **Il-fergħa “Ewropa Kreattiva — Kultura”**

#### *Artikolu 4*

#### **Kultura**

Fil-fergħa “Ewropa Kreattiva — Kultura”, l-oġettiv speċifiku “Kultura”, li jkopri s-setturi kulturali u kreattivi, għandu jiffoka fuq:

- (a) it-trawwim ta’ ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b’diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiki, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta’ kull daqs;
- (b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b’mod partikolari għaż-żgħażaġh, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b’mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involvement kulturali;
- (c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta’ kontenut kulturali Ewropew varjat permezz ta’ diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta’ pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażaġh, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;

- (d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u taġħlim bejn il-pari;
- (e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali b'kooperazzjoni u bi skambju ta' prattiki tajbin fil-livell tal-Unjoni, u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi għbir u analiżi aħjar tad-data, u azzjonijiet pilota;
- (f) l-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u l-kontribut għall-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni kulturali;
- (g) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet Nru 445/2014/UE<sup>35</sup> u Nru 1194/2011/UE<sup>36</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni.

L-implimentazzjoni tal-oġġettiv speċifiku “Kultura” għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi biex jitjebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.

### **Kapitolu III**

#### **Il-fergħa MEDIA+**

##### *Artikolu 5*

##### **Awdjoviżiv**

Fil-fergħa MEDIA+, l-oġġettiv speċifiku “Awdjoviżiv” għandu jiffoka fuq:

- (a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;
- (b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;
- (c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażaġh Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

<sup>35</sup> Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2014/445\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2014/445(1)/oj)).

<sup>36</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/1194/oj>).

- (d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u kontenut immersiv Ewropej, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, promozzjoni u skopribbiltà mmexxijin skont l-udjenzi, u distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha;
- (e) it-tiżiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettuali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;
- (f) it-trawwim ta' djalogu ta' politika, skambji tal-aqwa prattiki, ġbir u analiżi tad-data, inkluż il-ħlas tat-tariffa kontributorja għas-sħubija tal-Unjoni fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew;
- (g) il-kontribut għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup>.

L-implimentazzjoni tal-obiettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

#### *Artikolu 6*

#### ***Aħbarijiet***

Fil-fergħa MEDIA+, l-obiettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandu jiffoka fuq:

- (a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;
- (b) it-tiżiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u l-midja ta' interess pubbliku;
- (c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-midja tal-aħbarijiet;
- (d) it-tiżiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

<sup>37</sup> Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-midja awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2010/13/oj>).

- (e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u fil-midja biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażaġh, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;
- (f) it-tisħiħ tad-djalogo ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni, inkluż billi titwieżen il-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Midja.

L-implimentazzjoni tal-oġġettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali tal-midja u l-istandards professjonali.

## **Kapitolu IV**

### **Il-fergħa "CERV+"**

#### *Artikolu 7*

#### ***Drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili***

Fil-fergħa "CERV+", l-oġġettiv speċifiku "Drittijiet, Ugwaljanza, Ċittadini u Soċjetà Ċivili" għandu jiffoka fuq:

- (a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu u intolleranza;
- (b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;
- (c) il-promozzjoni tal-aċċessibbiltà, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, l-appoġġ għall-implimentazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà;
- (d) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal;
- (e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;
- (f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.

#### *Artikolu 8*

#### ***Daphne***

Fil-fergħa CERV+, l-oġġettiv speċifiku "Daphne" għandu jiffoka fuq:

- (a) il-prevenzjoni, ir-rispons u l-ġlieda fil-livelli kollha kontra l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fuq in-nisa u l-bniet, il-vjolenza domestika, u l-vjolenza

fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u l-anzjani, il-persuni LGBTIQ, il-persuni b'diżabbiltà u gruppi oħra f'riskju;

- (b) il-protezzjoni u l-appoġġ lill-vittmi diretti u indiretti kollha u s-superstiti tal-vjolenza kif imsemmi fil-punt (a);
- (c) l-appoġġ biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fl-Unjoni.

#### *Artikolu 9*

#### **Parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt**

Fil-fergħa "CERV+", l-oġettiv speċifiku "Parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt" tal-Programm għandu jiffoka fuq:

- (a) il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni kif ukoll il-parteċipazzjoni u l-involvement taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika u ċivika tal-Unjoni, u l-appoġġ għal soċjetajiet miftuħa, reżiljenti, ibbażati fuq id-drittijiet u ugwali, u msejsin fuq l-istat tad-dritt;
- (b) l-appoġġ għal proċessi elettorali u demokratiċi ħielsa, ġusti, reżiljenti, aċċessibbli u inklużivi;
- (c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni, u tal-istorja, il-memorja u d-diversità komuni tagħha biex jitravmu l-fehim reċiproku u t-tolleranza.

#### **Kapitolu V**

#### **Prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali**

#### *Artikolu 10*

Fl-ambitu tal-oġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3, il-Programm għandu jappoġġa l-prijoritajiet u l-attivitajiet trasversali u orizzontali li ġejjin:

- (a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, tal-midja u ċiviċi, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tnejjija tas-soċjetà u l-involvement kulturali u ċiviku;
- (b) użu responsabbli tal-ġhodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;
- (c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġislazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, tal-midja u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;
- (d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;

Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom.

## **Kapitolu VI**

### **Dispożizzjonijiet finanzjarji**

#### *Artikolu 11*

##### ***Baġit***

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR 8 582 000 000 fi prezzijiet kurrenti.
2. L-impenji baġitarji għal attivitajiet mifruxa fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti akkont annwali.
3. L-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ta' wara l-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.
4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

#### *Artikolu 12*

##### ***Riżorsi addizzjonali***

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
2. Riżorsi allokatil lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jizjeddu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew is-suċċessuri tagħhom.

### Artikolu 13

#### **Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv**

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'għestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

### Artikolu 14

#### **Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**

1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:
  - (a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostat Ewropej;
  - (b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali;
  - (c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;
  - (d) pajjiżi terzi oħra.
2. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni fil-Programmi għandhom:
  - (a) jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiżi terz li jkun qed jipparteċipa fil-Programmi;
  - (b) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-Programm tal-Unjoni, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, għal programm u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;
  - (c) ma għandhomx jagħtu lill-pajjiż terz xi setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-Programm;

- (d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;
- (e) għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.

Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

3. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni li jagħtu parteċipazzjoni fl-oġettiv speċifiku "Awdjoviżiv" imsemmi fl-Artikolu 3 għandhom iqisu s-sitwazzjoni tas-suq awdjoviżiv fil-pajjiż ikkonċernat, inkluż il-prossimità tal-qafas legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar il-midja awdjoviżiva u l-aċċess għall-iskemi ta' appoġġ tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi Ewropej oħra. Il-ftehimiet konklużi mal-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jeżiġu l-allinjament tal-liġi nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE biex tingħata parteċipazzjoni fl-oġettiv speċifiku "Awdjoviżiv".

#### *Artikolu 15*

#### ***Implimentazzjoni u forum ta' finanzjament tal-Unjoni***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1)(c) ta' dak ir-Regolament.
1. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji.
2. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, dan għandu jingħata esklużivament permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK u jiġi implimentat f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-FEK permezz tal-ftehimiet konklużi għal dak it-tip ta' appoġġ mill-Istrument InvestEU tal-FEK.
3. L-appoġġ tal-Unjoni fil-forma ta' garanzija baġitarja għandu jingħata fi ħdan l-ammont massimu tal-garanzija baġitarja stabbilit mir-Regolament FEK.
4. Meta l-Programm juża l-Istrument InvestEU tal-FEK, dan għandu jipprovdi l-proviżjonament għall-garanzija baġitarja u l-finanzjament għall-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġu kkombinati ma' appoġġ mhux ripagabbli fil-forma ta' operazzjoni ta' taħlit.
5. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, fejn meħtieġ, għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-oġettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss.

6. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.
7. L-entitajiet li japplikaw għal finanzjament mill-fergħa “Ewropa Kreattiva — Kultura” tal-Programm u li tul l-aħħar sentejn ikunu rċevew aktar minn 50% tad-dħul annwali tagħhom mingħand sorsi pubbliċi, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet tal-Programm. M'għandhomx jintalbu jippreżentaw dokumentazzjoni ulterjuri biex juru dik il-kapaċità.

## *Artikolu 16*

### ***Eliġibbiltà***

1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji tal-eliġibbiltà biex jgħinu fl-ilħuq tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' għoti kollha skont il-Programm.
2. Fil-proċeduri ta' għoti b'għestjoni diretta u indiretta, entità ġuridika waħda jew bosta minn dawn li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli biex jipprovdu jew jirċievu appoġġ tal-Unjoni:
  - (a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;
  - (b) entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat;
  - (c) organizzazzjonijiet internazzjonali;
  - (d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.
3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati li jissemmew fl-Artikolu 14(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu, fejn rilevanti, jipparteċipaw ukoll fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, *mutatis mutandis*, għall-pajjiżi terzi assoċjati parteċipanti.
4. Il-proċeduri tal-għoti li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
5. Il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jista' jkompli jispeċifika l-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxi kriterji tal-eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi.
6. Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr sejħa għal proposti lin-Network Ewropew għall-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza (Equinet), biex ikopri n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu.

*Artikolu 17*

***Programm ta' ħidma***

Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

**Kapitolu VII**

**Dispożizzjonijiet finali**

*Artikolu 18*

***Tħassir***

Ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

*Artikolu 19*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali***

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818, li għandhom jibqgħu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/81.

*Artikolu 20*

***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA .....	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva .....	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) .....	3
1.3.	Objettiv(i).....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali .....	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi .....	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija .....	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni .....	3
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': .....	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva .....	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.....	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni .....	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI .....	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll .....	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta .....	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom .....	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet .....	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali .....	12
3.2.1.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat .....	12
3.2.1.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	17
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi .....	24
3.2.3.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	24
3.2.3.3.	Total tal-approprjazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani .....	25
3.2.4.1.	Iffinanzjati mill-baġit ivvutat .....	25
3.2.4.2.	Iffinanzjati minn dħul assenjat estern .....	26
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani .....	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali .....	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI .....	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali .....	30
4.2.	Data .....	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali .....	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali .....	32

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm “AgoraEU”, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u 2021/818 għall-perjodu 2028-2034

## 1.2. Qasam/Oqsma ta’ politika kkonċernat(i)

Il-kultura, is-settur awdjoviżiv u l-midja, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, l-istat tad-dritt, is-soċjetà ċivili, il-parteċipazzjoni demokratika.

## 1.3. Objettiv(i)

### 1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b’mod partikolari l-industrija tal-midja u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u tal-midja, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b’hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà fl-Unjoni.

### 1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Il-Programm se jirfed dawn l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

a) jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta’ diversità ta’ xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi (“kultura”);

b) jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività tal-industrija awdjoviżivi u tal-videogames, b’mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini (“Awdjoviżiv”);

c) jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b’mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni (“aħbarijiet”);

d) jikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u jagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili (“drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili”);

e) jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq itfal u gruppi oħra f’riskju ta’ din il-vjolenza (“Daphne”);

f) jikkontribwixxi għat-tiġid tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt (“parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt”).

Biex jitħalla l-akbar impatt u jissaħħu s-sinerġiji, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali, b’mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, tal-midja u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali.

### 1.3.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-Programm se jħalli impatt pożittiv fuq il-kooperazzjoni kulturali, il-parteċipazzjoni kulturali u l-aċċessibilità transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali. Dan se jsir bil-promozzjoni tal-kooperazzjoni, il-kreazzjoni, in-networking, u t-tagħqid tal-esperjenzi fis-setturi kulturali u kreattivi (CCS), b'appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni ta' diversità ta' kontenut kulturali u għal aċċess għal diversità kulturali u patrimonju, u b'appoġġ għall-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti tas-CCS lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. L-azzjonijiet se jipprovdu, fost l-oħrajn, setturi kulturali u kreattivi (CCS) attrezzati aħjar biex jindirizzaw l-isfidi ewlenin, potenzjalment kreattiv imsaħħaħ tas-CCS fir-rigward tal-libertà artistika, kontenut kulturali aktar varjat li jiċċirkola lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, aktar artisti u professjonisti tas-CCS li jwessgħu l-karrieri tagħhom, aċċess akbar u aktar inklużiv għal kontenut u wirt kulturali aktar varjat, aktar sħubijiet u skambji kulturali internazzjonali, aktar diġitalizzazzjoni, aċċess, preservazzjoni u użu mill-ġdid tal-wirt diġitali.

Il-Programm se jħalli impatt pożittiv fejn jidħol l-appoġġ għall-ħolqien, iċ-ċirkolazzjoni u l-aċċess tal-kontenut awdjoviżiv u tal-midja tal-UE, u suq tal-informazzjoni divers. L-appoġġ għax-xogħlijiet awdjoviżivi se jgħin biex tissaħħaħ id-diversità u l-kompetittività kulturali Ewropej, pereżempji b'koproduzzjonijiet. Dan se javvanza wkoll il-ħolqien, iċ-ċirkolazzjoni u l-aċċess għall-kontenut tal-videogames, u jrawwem użu transmedjali tal-proprjetà intellettuali. L-integrità tas-suq tal-informazzjoni tal-UE se titħares b'appoġġ għall-pluraliżmu u l-indipendenza tal-midja, il-vijabbiltà tal-midja u l-litteriżmu fil-midja, u billi jissaħħaħ l-għarfien tas-sitwazzjoni.

Il-Programm se jħalli impatt pożittiv fuq il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll fuq spazju ċiviku b'saħħtu. L-azzjonijiet se jkollhom l-effett li jżidu l-viżibbiltà u l-għarfien dwar id-drittijiet fundamentali, u jnaqqsu d-diskriminazzjoni u l-fastidju. L-azzjonijiet se jkollhom ukoll l-effett li jiproteġu lin-nies mill-vjolenza, b'mod partikolari lin-nisa, lit-tfal u lill-gruppi f'riskju, u jwieżnu lill-vittmi biex jindirizzaw il-konsegwenzi tagħha. Iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet se jkunu jistgħu jieħdu sehem b'mod sinifikattiv fil-ħajja politika, ekonomika, soċjali u kulturali tas-soċjetajiet tagħhom. Iċ-ċittadini se jkunu jistgħu jesprimu fehmietom liberament, jagħżlu l-mexxejja politiċi tagħhom, u jkollhom vuċi dwar il-futur tagħhom.

### 1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-indikaturi tal-output u tar-riżultati għall-fini tal-monitoraġġ tal-progress u l-kisbiet ta' dan il-Programm se jikkorrispondu għall-indikaturi komuni previsti fir-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni].

## 1.4. **Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

.. azzjoni ġdida

“ azzjoni ġdida b’segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>38</sup>

l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti

“ fużjoni jew ridirezzjonar ta’ azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tneđija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-Programm se jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati sfidi speċifiċi u komuni u jitravmu sinerġiji fl-isferi kulturali, tal-midja u ċiviċi filwaqt li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-oqsma ta’ politika differenti, il-gruppi fil-mira differenti tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom. Billi tiġbor flimkien l-appoġġ f’dawn l-oqsma, l-Unjoni se tkun attrezzata aħjar biex tindirizza prijoritajiet ta’ politika rikorrenti daqs kemm ġodda u emerġenti, fosthom il-ħarsien tad-demokrazzi, id-drittijiet u l-ugwaljanza, it-trawwim ta’ spazju abilitanti għas-soċjetà ċivili, il-kontribut għad-diversità kulturali u lingwistika u għall-protezzjoni tal-wirt kulturali, it-tiħiħ tas-setturi kulturali u kreattivi u ż-żieda fir-reżiljenza tagħhom, il-promozzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u t-tiħiħ tat-tkabbir ekonomiku tal-midja u tal-atturi kulturali.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ din it-taqsim, “valur miżjud tal-involviment tal-UE” huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

### Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante)

Il-finanzjament kopert mill-Programm jikkonċentra fuq attivitajiet fejn l-intervent tal-UE jista’ jagħti valur addizzjonali meta mqabbel ma’ azzjoni mill-Istati Membri waħedhom.

B’mod partikolari biex:

- Jiġu indirizzati sfidi tranżnazzjonali u komuni (eż. tnaqqis fl-ispazji ċiviċi, theddid għal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, frammentazzjoni tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja tul il-fruntieri nazzjonali u lingwistiċi): dawn l-isfidi jagħmluha diffiċli għall-Istati Membri biex jindirizzawhom biżżejjed waħedhom. L-isforzi fil-livell tal-UE jifih u l-bibien għal kooperazzjoni, tiswir tal-kapaċità, tagħlim reċiproku u akkomunament tar-riżorsi, u kondiviżjoni tal-għarfien espert u l-aqwa Prattiki.

- Waħedhom, il-finanzjament u l-politiki fil-livell nazzjonali mhumiex biżżejjed biex iħarsu u jippromwovu l-valuri u l-istandards demokratiċi tal-UE, u biex jissalvagwardjaw l-ispazju ċiviku. Dan japplika wkoll għall-kompetittività u d-diversità ġenerali tas-setturi tal-midja, awdjoviżivi u setturi kulturali u kreattivi oħra.

- L-appoġġ tal-UE hu essenzjali biex jissokta l-aċċess għall-kontenut awdjoviżiv u kulturali fl-Istati Membri kollha u jinżamm livell għoli ta’ ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

- L-appoġġ tal-UE jimla vojti fil-finanzjament u fis-servizzi mhux koperti fil-livell tal-Istati Membri.

<sup>38</sup>

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- L-azzjoni tal-UE hi kruċjali għall-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni fil-livell internazzjonali, filwaqt li timplimenta l-istandards internazzjonali b'mod koerenti mal-politiki interni.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (*ex post*)

- L-azzjoni fil-livell tal-UE tiftaħ il-bibien għal kooperazzjoni tranżnazzjonali, akkomunament tar-riżorsi, u skambju tal-aqwa prattiki fl-Istati Membri, u dawn jipprovdu risponsi aktar koerenti u li jħallu impatt għall-isfidi komuni.

- L-appoġġ tal-UE se jikkomplementa l-miżuri nazzjonali billi jappoġġa oqsma li fil-livell nazzjonali mhumiex iffinanzjati biżżejjed jew ma jingħatawx prijorità biżżejjed.

- L-azzjoni tal-UE se ttejjeb il-mobbiltà tal-professjonisti u ċ-ċirkolazzjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-funzjonament tas-suq intern u d-diversità kulturali u lingwistika.

- L-azzjonijiet fil-livell tal-UE se jxerrdu għarfien dwar id-drittijiet u jrawmu sens ta' ċittadinanza tal-UE u fehim reċiproku, b'aktar tixtrid tal-għarfien u apprezzament tad-diversità kulturali, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni, appoġġ għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà, u spazju tal-informazzjoni affidabbli, objettivi li l-interventi nazzjonali waħedhom ma jistgħux jilhqqu għalkollox.

- L-appoġġ tal-UE se jgħin biex iċ-ċittadini Ewropej jiksbu aċċess transfruntier għall-midja, il-kontenut awdjoviżiv u kontenut kulturali u kreattiv ieħor.

### 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

Ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terimu għall-perjodu 2021-2027 juru li ħafna mill-programmi eżistenti laħqu l-oġġettivi ta' politika tagħhom u kisbu valur miżjud tal-UE, filwaqt li ħarġu fid-dieher oqsma li jeħtieġu titjib mil-lat ta' tfassil. Pereżempju, l-evalwazzjoni interim tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) ikkonfermat li l-Programm jimrah fi spazju mill-aktar vojt fil-finanzjament relatat mal-valuri u d-drittijiet fundamentali. Ewropa Kreattiva kkontribwiet b'appoġġ għad-diversità kulturali u lingwistika billi żiedet l-aċċess tan-nies għal kontenut Ewropew varjat, u b'għajjnuna lill-operaturi awdjoviżivi u lil operaturi kreattivi u kulturali oħra jespandu fil-livell Ewropew u jsiru aktar kompetittivi. L-evalwazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' Multimedia kkonfermat ukoll il-valur miżjud tal-appoġġ għar-rappurtaġġi tal-aħbarijiet indipendenti dwar materji tal-UE.

L-evalwazzjonijiet jindikaw ukoll oqsma ta' titjib f'termini ta' tfassil. Fosthom hemm l-espansjoni tal-firxa tal-programmi, l-iffaċilitar tal-aċċess, is-simplifikazzjoni tal-ġestjoni, it-tisħiħ tal-monitoraġġ, it-tisħiħ tas-sinerġiji u l-evitar tad-duplikazzjonijiet ma' programmi oħra, u aktar flessibbiltà biex jingħelbu sfidi ġodda.

### 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-inizjattiva hi parti mill-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034.

L-inizjattiva hi allinjata mal-prijoritajiet ta' politika ġenerali tal-Kummissjoni għall-2024-2029, jiġifieri mil-lat ta' (1) Appoġġ għan-nies, tisħiħ tas-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna; (2) Ħarsien tad-demokrazija tagħna u tal-valuri tagħna; (3) Prosperità u kompetittività sostenibbli tal-Ewropa; u (4) Ewropa globali.

### 1) Sinerġiji mal-politiki ta' appoġġ għan-nies, tisħiħ tas-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna

Se jitravmu sinerġiji bejn l-inizjattivi tal-midja, il-kultura, il-valuri u d-drittijiet u l-intervent futur fl-oqsma tal-edukazzjoni, is-solidarjetà u ż-żgħażaġh. Dawn is-sinerġiji, bħal-litteriżmu fil-midja, il-ħiliet diġitali, l-involviment ċiviku u l-edukazzjoni ċivika, l-edukazzjoni fl-arti u l-kultura, u l-iżvilupp tal-ħiliet u l-inklużjoni, se jiġu promossi bi qbil mal-objettivi tal-Istrateġija Ewropea għaż-Żgħażaġħ u mar-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE, kif ukoll b'inizjattivi ta' politika futuri oħrajn. L-inizjattiva tikkomplementa xi inizjattivi tal-politiki tal-impjiegi u soċjali. Il-promozzjoni tal-aċċess ugwali għad-drittijiet u t-trawwim tad-diversità se jappoġġaw l-inklużjoni soċjali u swieq tax-xogħol ġusti. Is-setturi kulturali u kreattivi u l-industriji tal-midja se jikkontribwixxu b'mod attiv għal titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-professjonisti, u fil-kuntest tal-Unjoni tal-Ħiliet, bl-istess mod, aktarx li se jiffavorixxu l-ħolqien tal-impjiegi f'dawn is-setturi. Is-setturi kulturali u kreattivi se jiffukaw ukoll fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.

### 2) Sinerġiji mal-politiki tal-ġustizzja

L-allinjament bejn il-politiki tal-ġustizzja u l-istat tad-dritt jibni qafas sod li jiżgura l-akkontabbiltà, jippromwovi l-koerenza legali fost l-Istati Membri, u jħares id-drittijiet fundamentali, u b'hekk isaħħaħ il-fiduċja u l-kooperazzjoni fl-Unjoni. Ir-relazzjoni bejn id-drittijiet fundamentali u l-politiki tal-ġustizzja hi kruċjali biex nibnu soċjetajiet ġusti u ekwi. Id-drittijiet fundamentali – li jvarjaw mid-dritt għal proċess ġust, il-libertà mid-diskriminazzjoni, sal-protezzjoni tal-privatezza – jiddefinixxu l-istandards essenzjali li s-sistemi ġudizzjarji jridu jirrispettaw, u jsarrfu prinċipji astratti f'miżuri u Prattiki legali konkreti. Pereżempju, il-liġijiet kontra d-diskriminazzjoni jsaħħu l-prinċipju tal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi. Għalhekk, is-sinerġija bejn id-drittijiet fundamentali u l-politiki tal-ġustizzja tiżgura li s-sistemi legali mhux biss jevitaw l-abbużi iżda saħansitra jippromwovu attivament id-dinjità, l-ugwaljanza u l-libertà. Din is-sinerġija hi essenzjali biex tinbena l-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet legali, titrawwem il-koeżjoni soċjali, u fl-aħħar mill-aħħar ikun żgurat li l-ġustizzja tkun aċċessibbli u sinifikattiva għal kulħadd. Għal dan l-għan, se jitravmu sinerġiji bejn dan il-programm u l-programm Ġustizzja futur.

### 3) Sinerġiji mal-politiki għas-Suq Uniku u l-kompetittività

L-inizjattiva se tikkomplementa l-qafas ta' politika tal-UE dwar is-Suq Uniku u l-kompetittività ekonomika. B'mod partikolari, din tibni fuq ir-Rapport tal-2024 dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività, li jħaddem approċċ ibbażat fuq l-ekosistema li jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika ta' setturi industrijali ewlenin, fosthom l-industriji kulturali u kreattivi. Din tirrifletti wkoll l-objettivi tal-Boxxla għall-Kompetittività, li tistabbilixxi parametri referenzjarji ċari ħalli jittejbu l-produttività fit-tul tal-UE u tiġi promossa l-innovazzjoni.

L-inizjattiva se ssaħħaħ is-sinerġiji mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività futur u mal-programm futur għar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan jinkludi appoġġ għal riċerka multidixxiplinari fuq varjetà ta' suġġetti, fosthom id-demokrazija, il-valuri, l-ugwaljanza u d-diżinformazzjoni, iżda anki fuq suġġetti diġitali u industrijali relatati mill-qrib mas-setturi kulturali u kreattivi (eż. ir-realtà estiża, l-ambjenti immersivi, il-midja l-ġdida). Barra minn hekk, il-proposta tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, bi qbil mal-objettivi tad-Deċennju Diġitali tal-2030.

4) Sinerġiji mal-politiki għal Ewropa globali

Il-programm futur se jikkomplementa l-azzjonijiet iffinanzjati bl-azzjonijiet esterni tal-Unjoni. Pereżempju, billi dan jippromwovi skambji kulturali u jappoġġa l-midja u l-kontenut awdjoviżiv tal-UE globalment inkluż permezz ta' kollaborazzjonijiet internazzjonali, se jiftaħ swieq ġodda, jattira talent dinji, isaħħaħ l-influwenza u l-attraenza tal-UE fix-xena dinjija.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

-

**1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

**durata limitata**

- b'effett mill-01/01/2028 sal-31/12/2034
- impatt finanzjarju mill-2028 sal-2034 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2028 sal-203x għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

**durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

**1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**

**Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

**Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

**Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (eż. il-UNESCO, l-OECD, il-QtA...)
- lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- lill-korpi tad-dritt pubbliku (eż. korpi vvalutati skont il-Pilastru)
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati (korpi vvalutati skont il-Pilastru)

- lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- lil korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

#### Kummenti

Il-Programm se jiġi implimentat b'ġestjoni diretta (xi partijiet delegati lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura), kif ukoll b'ġestjoni indiretta permezz ta' organizzazzjonijiet Internazzjonali (eż. il-UNESCO, l-OECD, il-KtE,...) u korpi oħra vvalutati skont il-Pilastru, li wera li rnexxa f'Oqfsa Finanzjarji Pluriennali (QFP) preċedenti.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

(41) Ir-regoli dwar ir-monitoraġġ u r-rapportar ta' dan il-programm se jsegwu r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni].

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-maġġoranza tal-azzjonijiet tal-Programm se jiġu implimentati b'ġestjoni diretta, u parzjalment jiġu ddelegati lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). Il-metodu attwali tal-implimentazzjoni wera li kien effettiv fil-programmi preċedenti, u r-rati tal-errur bħalissa huma inqas minn 2% għall-programm Ewropa Kreattiva, skont ir-riżultati preliminari tal-QFP attwali. Il-finanzjament se jiġi implimentat bil-metodi tal-implimentazzjoni offruti mir-Regolament Finanzjarju, prinċipalment għotjiet u akkwist, għax hekk jippermetti adattament aħjar tal-azzjonijiet skont il-ħtiġijiet tal-politika u jkun hemm aktar flessibbiltà għal riaġġustamenti tal-prijoritajiet b'mod partikolari permezz ta' għotjiet. L-għotjiet se jkunu fil-forma ta' kostijiet reali, somom f'daqqa, rati fissi, kostijiet unitarji jew taħlita ta' dawn. L-użu ta' skali ta' kostijiet unitarji u ta' miżuri simplifikati oħra se jnaqqas il-marġni tal-errur fid-dikjarazzjonijiet tar-rimborż tal-kostijiet. Se jiġu applikati diversi miżuri li jippermettu aċċess aħjar, pereżempju għal organizzazzjonijiet iżgħar, u simplifikazzjoni tal-linji gwida u tal-proċeduri abbażi tar-Regolament Finanzjarju (ara hawn fuq).

Bil-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni se jkunu jistgħu wkoll jiġu stabbiliti kuntatti diretti mal-benefiċjarji / kuntratturi involuti fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet li jaqdu l-politiki tal-Unjoni.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Il-Programm għandu l-istess riskji bħall-programmi l-oħra tal-Kummissjoni li huma maħsubin għal benefiċjarji li huma diversi fin-natura tagħhom. B'mod partikolari, uħud mill-benefiċjarji mhumiex rikorrenti, jew m'għandhomx strutturi amministrattivi estensivi. Ir-riskji huma prinċipalment relatati ma' (1) l-iżgurar tal-kwalità tal-proġetti magħżula u l-implimentazzjoni teknika sussegwenti tagħhom; (2) ir-riskju ta' użu ineffiċjenti jew mhux ekonomiku tal-fondi mogħtija, kemm fil-każ tal-għotjiet u anki fl-akkwist; (3) frodi.

Ħafna minn dawn ir-riskji mistennija jitnaqqsu bi: (1) tfassil bir-reqqa tas-sejnhiet għall-proposti; (2) gwida għall-applikanti u l-benefiċjarji; (3) l-użu ta' għażliet tal-kostijiet simplifikati tal-kostijiet unitarji, tar-rati fissi u tas-somom f'daqqa, li ġew applikati b'mod effettiv fil-QFP attwali u li huma previsti fir-Regolament Finanzjarju; (4) l-użu ta' proċeduri u sistemi korporattivi għall-ġestjoni ta' proposti u għotjiet (eż. għotjiet vademecum, e-Grants eċċ.) biex ikun żgurat allinjament sħiħ mal-aqwa Prattika fl-istadji kollha taċ-ċikli tal-ħajja tal-għotjiet u tal-akkwist.

L-istrateġija tal-kontroll fiha elementi kostitwenti differenti: (1) programmazzjoni, evalwazzjoni u għażla ta' proposti biex ikun żgurat li jiġu ffinanzjati biss l-aqwa

proposti; (2) l-iffirmar u l-monitoraġġ tal-ftehimiet ta' għotja, soġġetti għal verifika *ex ante*, kemm fil-livell finanzjarju kif ukoll fil-livell tal-politika; (3) awditjar *ex post* abbażi ta' "strateġija ta' detezzjoni" maħsuba biex jinstab massimu ta' anomaliji ħalli jiġu rkuprati l-pagamenti mhux dovuti.

Partijiet mill-Programm se jkomplu jiġu implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura (EACEA) li tuża l-istess proċeduri korporattivi applikati mal-Kummissjoni kollha.

L-EACEA tapplika pjan annwali tal-awditjar *ex post* li jkopri l-azzjonijiet kollha, u jikkonferma rata tal-errur inqas minn 2% għall-QFP attwali.

Bħalissa, l-EACEA hi ssorveljata mill-Kumitat tat-Tmexxija tagħha mad-DĠ EAC u d-DĠ CNECT bħala d-DĠ prinċipali għall-programm Ewropa Kreattiva kif ukoll id-DĠ JUST bħala d-DĠ prinċipali għall-programm CERV. Hu żgurat rapportar regolari permezz tad-dashboards kif ukoll laqgħat regolari ta' koordinazzjoni mad-DĠ prinċipali.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-kost tal-kontrolli tal-programm jammonta għal madwar 6% tal-pagamenti magħmula mill-Kummissjoni. Dan mistenni jibqa' stabbli jew jonqos kemxejn jekk jiġi estiż aktar l-użu tal-għażliet tal-kostijiet simplifikati. L-oġġettiv tas-sistema tal-ġestjoni u l-kontroll hu li żżomm il-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (waqt il-pagament u fl-għeluq) taħt il-limitu tal-materjalità ta' 2%.

**2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Is-servizzi responsabbli se jkompli japplikaw l-Istrateġija Kontra l-Frodi tagħhom – li hi konformi mal-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni (CAFS) – biex fost l-oħrajn jiżguraw li l-kontrolli interni tagħhom kontra l-frodi jkunu allinjati għalkollox mal-CAFS u li l-approċċ għall-ġestjoni tar-riskji ta' frodi jkun immirat biex jidentifika oqsma b'riskju ta' frodi u risponsi adegwati.

L-istrateġiji kontra l-frodi tal-EACEA u anki tal-Kummissjoni se jippermettu li jiġi indirizzat ir-riskju ta' frodi, l-aktar bis-saħħa ta' miżuri li jipprevjenu l-irregolaritajiet, li mbagħad jeskalaw f'każ ta' detezzjoni ta' frodi. Il-miżuri li ġejjin se jibqgħu jiġu implimentati, kemm fil-livell tad-DĠ prinċipali kif ukoll fl-EACEA: Monitoraġġ dokumentarju, missjonijiet tal-monitoraġġ konformi ma' strateġija tal-monitoraġġ definita, rekwiżiti tar-rappurtar ċari fil-ftehimiet ta' għotja mal-benefiċjarji, laqgħat ta' tnedija mal-benefiċjarji ġodda, il-possibbiltà li waqfien tal-għotjiet malli ma jinkisbux ir-riżultati jew ma jkunx hemm konformità ma' ċerti kundizzjonijiet tal-finanzjament, bħal pereżempju dawk dwar il-komunikazzjoni.

Il-benefiċjarji tal-każijiet ta' esklużjoni jitniżżlu fil-Bażi tad-Data dwar l-Identifikazzjoni Bikrija u l-Esklużjoni (EDES) u l-każijiet jiġu segwiti mill-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
2	06 01 02 Nefqa ta' appoġġ għal "AgoraEU"	Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
2	06 03 01 Ewropa Kreattiva — Kultura	Diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
2	06 03 02 MEDIA+	Diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
2	06 03 03 CERV+	Diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

##### 3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	2	
--	---	--

			Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2028-2034
			2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
Appropriazzjonijiet operazzjonali										
Linja baġitarja 06 03 01 Ewropa Kreattiva — Kultura	Impenji	(1a)	0,230	0,238	0,247	0,256	0,265	0,275	0,285	1,796
	Pagamenti	(2a)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Linja baġitarja 06 03 02 MEDIA+	Impenji	(1b)	0,409	0,424	0,439	0,455	0,472	0,489	0,506	3,194
	Pagamenti	(2b)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Linja baġitarja 06 03 03 CERV+	Impenji	(1c)	0,460	0,477	0,494	0,512	0,531	0,550	0,569	3,593
	Pagamenti	(2c)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Li minnhom: 06 03 03 01 Ugwaljanza, Drittijiet, Ċittadini u Valuri	Impenji		pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
	Pagamenti		pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Li minnhom: 06 03 03 02 Parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt	Impenji		pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
	Pagamenti		pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Li minnhom: 06 03 03 03 Daphne	Impenji		pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
	Pagamenti		pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm

Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi <sup>39,40</sup>										
Linja baġitarja 06 01 02, nefqa ta' appoġġ għal AgoraEU		(3)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
<b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet</b>	Impenji	=1a+1b+3	1,099	1,139	1,180	1,223	1,268	1,313	1,360	8,582
	Pagamenti	=2 a+2b+3	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>4</b>	“Nefqa amministrattiva” <sup>41</sup>
--	----------	---------------------------------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzjonijiet deċimali)

DĠ: <EAC/CNECT/JUST>		Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL
		2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	QFP 2028- 2034
•Riżorsi umani		37,070	37,070	37,070	37,070	37,070	37,070	37,070	<b>259,490</b>
•Nefqa amministrattiva oħra		1,523	1,538	1,553	1,569	1,585	1,602	1,619	<b>10,988</b>
<b>TOTAL</b> <.....>	Approprjazzjonijiet	<b>38,593</b>	<b>38,608</b>	<b>38,623</b>	<b>38,639</b>	<b>38,655</b>	<b>38,672</b>	<b>38,689</b>	<b>270,478</b>

<b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	(Total tal- impenji = Total tal- pagamenti)	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>
--	--	----------	----------	----------	----------	----------	----------	----------	----------

<sup>39</sup>

<sup>40</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

<sup>41</sup> Biex jiġu ddeterminati l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	TOTAL QFP 2028-2034
<b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4</b>	Impenji	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm

3.2.2. *Output stmat iffinanzjat mill-approprijazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)*

(42) L-indikaturi tal-output u tar-riżultati għall-fini tal-monitoraġġ tal-progress u l-kisbiet ta' dan il-programm se jikkorrispondu għall-indikaturi komuni previsti fir-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni].

Approprijazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6)										TOTAL			
	OUTPUTS																			
↓	Tip <sup>42</sup>	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 <sup>43</sup> ...																				
- Output																				
- Output																				
- Output																				

<sup>42</sup> L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

<sup>43</sup> Kif deskritt fit-Taqsima 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi".

Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																	
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																	
- Output																	
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																	
<b>TOTALI</b>																	

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. *Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2028 - 2034
	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
<b>INTESTATURA 4</b>								
Riżorsi umani	37,070	37,070	37,070	37,070	37,070	37,070	37,070	259,4900 000
Nefqa amministrattiva oħra	1,523	1,538	1,553	1,569	1,585	1,602	1,619	10,988
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 4</b>	<b>38,593</b>	<b>38,608</b>	<b>38,623</b>	<b>38,639</b>	<b>38,655</b>	<b>38,672</b>	<b>38,689</b>	<b>270,4780 000</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 4</b>								
Riżorsi umani	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 4</b>								
<b>TOTAL</b>								

3.2.4. *Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. *Iffinanzjati mill-baġit ivvutat*

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs)*

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
<b>•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)</b>							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	182	182	182	182	182	182	182
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0	0	0	0
<b>• Persunal estern (FTEs)</b>							
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)	28	28	28	28	28	28	28
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
Linja ta' Appoġġ Ammin. [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0
(AC, END - Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
(AC, END - Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 4	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 4	10	10	10	10	10	10	10
<b>TOTAL</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>
[XX.01.YY.YY]	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0
(AC, END - Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0

(AC, END - Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 4	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 4	0	0	0	0	0	0	0
<b>TOTAL</b>	<b>220</b>	<b>220</b>	<b>220</b>	<b>220</b>	<b>220</b>	<b>220</b>	<b>220</b>

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	Persunal addizzjonali eċċezzjonali *		
		Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 4 jew skont ir-Riċerka	Għandu jiġi ffinanzjat mill-linja BA	Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	139	43	M/A	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)	25	3	10	

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

3.2.5. *Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali*

<b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet diġitali u tal-IT</b>	Sena <b>2028</b>	Sena <b>2029</b>	Sena <b>2030</b>	Sena <b>2031</b>	Sena <b>2032</b>	Sena <b>2033</b>	Sena <b>2034</b>	<b>TOTAL QFP 2028 - 2034</b>
<b>INTESTATURA 4</b>								
Nefqa tal-IT (korporattiva)	1,804	1,804	1,804	1,804	1,804	1,804	1,804	<b>12,628</b>
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 4</b>	1,804	1,804	1,804	1,804	1,804	1,804	1,804	<b>12,628</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 4</b>								
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	8,500	8,500	8,500	8,500	8,500	8,500	8,500	<b>59,500</b>
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 4</b>	8,500	8,500	8,500	8,500	8,500	8,500	8,500	<b>59,500</b>
<b>TOTAL</b>	<b>10,304</b>	<b>10,304</b>	<b>10,304</b>	<b>10,304</b>	<b>10,304</b>	<b>10,304</b>	<b>10,304</b>	<b>72,128</b>

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

L-inizjattiva hija konsistenti mal-proposta għall-QFP 2028-2034.

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi
- tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi proprji
  - fuq dħul ieħor
  - indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva <sup>44</sup>						
		Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
Artikolu .....								

<sup>44</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

--

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

--

#### 4. DIMENSIJONIJIET DIĠITALI

##### 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Referenza għar-rekwiżit	Deskrizzjoni tar-rekwiżit	Atturi affettwati jew ikkonċernati mir-rekwiżit	Proċessi ta' livell għoli	Kategoriji
Il-Kapitolu VI – l-Artikolu 11	[...] Assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm	Il-Kummissjoni Ewropea; Benefiċjarji	Implimentazzjoni tal-programm b'Ġestjoni Diretta tal-Għotjiet	Soluzzjonijiet diġitali
Il-Kapitolu V – l-Artikolu 10	[...] inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tar-riżultati tal-Programm.	Il-Kummissjoni Ewropea, l-Awtoritajiet Nazzjonali, il-Benefiċjarji	Disseminazzjoni	Soluzzjonijiet diġitali
Il-Kapitolu II – l-Artikolu 4	[...] titjib tal-bażi tal-evidenza bi għbir u analiżi aħjar tad-data [...]	Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenziji Eżekuttivi, il-Benefiċjarji	Tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, implimentazzjoni u monitoraġġ tal-programmi; evalwazzjoni	Soluzzjonijiet diġitali, data
Il-Kapitolu III – l-Artikolu 5(f)	Trawwim ta' [...] il-għbir u l-analiżi tad-data [...]	Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenziji Eżekuttivi, il-Benefiċjarji	Tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, implimentazzjoni u monitoraġġ tal-programmi; evalwazzjoni	Soluzzjonijiet diġitali, data
Il-Kapitolu III – l-Artikolu 6(f)	Enfasi fuq [...] il-għbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni [...]	Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenziji Eżekuttivi, il-Benefiċjarji	Tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, implimentazzjoni u monitoraġġ tal-programmi; evalwazzjoni	Soluzzjonijiet diġitali, data

## 4.2. Data

*Deskrizzjoni ta' livell għoli tad-data fl-ambitu u kwalunkwe standards/speċifikazzjonijiet relatati*

Tip tad-data	Referenza/i għar-rekwiżit	Standard u/jew speċifikazzjoni (jekk applikabbli)
Pajjiżi, organizzazzjonijiet, baġit, parteċipanti u prijoritajiet għal kull proġett	Il-Kapitolu VI, l-Artikolu 11 Il-Kapitolu V, l-Artikolu 10 Il-Kapitolu II – l-Artikolu 4(e) Il-Kapitolu III, l-Artikolu 5(f) u l-Artikolu 6(f) Ir-Regulation (UE, Euratom) [202X-XXXX, ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]	eGrants u bażijiet tad-data ta' kwalunkwe korp tal-implimentazzjoni fil-qafas tal-Programm

### Allinjament mal-Istrateġija Ewropea għad-Data

*Spjega kif ir-rekwiżit(i) huma allinjati mal-Istrateġija Ewropea għad-Data*

Id-dispożizzjonijiet skont il-proposta jappoġġaw l-interoperabbiltà, l-użu mill-ġdid, u l-kondiviżjoni sigura tad-data, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għad-Data. Meta tiġi pproċessata xi data personali (eż. tal-parteċipanti), dan l-ipproċessar jimxi mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). L-arkitettura hija konsistenti wkoll mad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa, peress li data aggregata rilevanti u mhux personali tista' ssir disponibbli għall-użu mill-ġdid mir-riċerkaturi jew il-korpi pubbliċi.

### Allinjament mal-prinċipju ta' darba biss

*Spjega kif il-prinċipju ta' darba biss ġie kkunsidrat u kif ġiet esplorata l-possibbiltà li d-data eżistenti terġa' tintuża*

Id-dashboards stabbiliti huma sors ta' traċċabbiltà u użu mill-ġdid tad-data disponibbli mill-implimentazzjoni tal-Programm. Id-data ġeġja mill-formoli tal-applikazzjoni, mir-rapporti finali u possibbilment mingħand id-Desks tal-Programm.

*Spjega kif id-data li għadha kif inħolqot hija traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli, u tissodisfa standards ta' kwalità għolja*

(43) Għal fergħat speċifiċi tal-Programm, se jkunu żgurati t-traċċabbiltà u l-użu mill-ġdid tad-data disponibbli mill-implimentazzjoni tal-Programm. Id-data se tiġi rreġistrata permezz tad-dokumenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett u se ssir aċċessibbli fuq il-Portal Uniku, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] rigward it-trasparenza tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-kisbiet tal-programmi.

### Flussi tad-data

Tip tad-data	Referenza/i għar-rekwiżit(i)	Attur li jipprovdi d-data	Attur li jirċievi d-data	Skattatur tal-iskambju tad-data	Frekwenza (jekk applikabbli)
Pajjiżi, organizzazzjonijiet, baġit, parteċipanti u prijoritajiet għal kull proġett	Il-Kapitolu VI – l-Artikolu 11 Il-Kapitolu V – l-Artikolu 10 Il-Kapitolu II – l-Artikolu 4(e) Il-Kapitolu III, l-Artikolu 5(f) u l-Artikolu 6(f) Ir-Regulation (UE, Euratom) [202X-XXXX, ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]	Benefiċjarji, id-Desks tal-Programm	Pubbliku ġenerali Kummissjoni Il-Parlament Ewropew Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	Ir-Regulation (UE, Euratom) [202X-XXXX, ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], l-Artikolu XX (monitoraġġ) u l-Artikolu XX (rapport tal-implimentazzjoni u evalwazzjonijiet retrospettivi). Rapportar regolari tal-Programm	Ir-Regulation (UE, Euratom) [202X-XXXX, ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], l-Artikolu XX (monitoraġġ) u l-Artikolu XX (rapport tar-implimentazzjoni u evalwazzjonijiet retrospettivi).

### 4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Soluzzjoni diġitali	Referenza/i għar-rekwiżit(i)	Funzjonalitajiet obligatorji ewlenin	Korp responsabbli	Kif tiġi koperta l-aċċessibilità?	Kif jitqies l-użu mill-ġdid?	Użu tat-teknoloġiji tal-IA (jekk applikabbli)
Soluzzjoni diġitali #1 – Pjattaforma għall-Ġestjoni Diretta tal-Għotjiet	Il-Kapitolu VI – l-Artikolu 11	Ġestjoni Diretta tal-Għotjiet	Il-Kummissjoni Ewropea	Skont l-Istandard tal-Kummissjoni	//	Il-pjattaforma għandha tħaddem l-użu tal-intelliġenza artifiċjali meta rilevanti u tosserva l-prinċipju ta' prekawzjoni.
Soluzzjoni diġitali #2 – Pjattaforma/i tat-tixrid	Il-Kapitolu V – l-Artikolu 10	Tixrid tar-riżultati tal-Programm	Il-Kummissjoni Ewropea	Skont l-Istandard tal-Kummissjoni	//	Il-pjattaforma għandha tħaddem l-użu tal-intelliġenza artifiċjali meta rilevanti u tosserva l-prinċipju ta' prekawzjoni.

#### Soluzzjoni diġitali #1 – Pjattaforma għall-Ġestjoni Diretta tal-Għotjiet

Politika diġitali u/jew settorjali (meta dawn ikunu applikabbli)	Spjegazzjoni dwar kif tallinja
<i>Att dwar l-IA</i>	Meta tħaddem l-intelliġenza artifiċjali, il-Kummissjoni Ewropea se tiżgura l-konformità mal-Att dwar l-IA.
<i>Qafas taċ-Ċibersigurtà tal-UE</i>	Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u mażżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament.
<i>eIDAS</i>	Mhux Applikabbli
<i>Gateway Diġitali Unika u IMI</i>	Mhux Applikabbli
<i>Oħrajn</i>	//

**Soluzzjoni diġitali #2 – Pjattaforma/i tat-tixrid**

<b>Politika diġitali u/jew settorjali (meta dawn ikunu applikabbli)</b>	<b>Spjegazzjoni dwar kif tallinja</b>
<i>Att dwar l-IA</i>	Meta tħaddem l-intelliġenza artifiċjali, il-Kummissjoni Ewropea se tiżgura l-konformità mal-Att dwar l-IA.
<i>Qafas taç-Ċibersigurtà tal-UE</i>	Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament.
<i>eIDAS</i>	Mhux Applikabbli
<i>Gateway Diġitali Unika u IMI</i>	Mhux Applikabbli
<i>Oħrajn</i>	//

**4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà**

Mhux applikabbli

**4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali**

<b>Deskrizzjoni tal-miżura</b>	<b>Referenza/i għar- rekwiżit(i)</b>	<b>Ir-rwol tal-Kummissjoni (jekk applikabbli)</b>	<b>Atturi li għandhom jiġu involuti (jekk applikabbli)</b>	<b>Kronoloġija mistennija (jekk applikabbli)</b>